# Kapitlu Sitta


| | |
|---|---|
| Indiċi | 199 |
| | |
| Kapitlu Sitta | 202 |
| Is-Snin Tmenin | 202 |
| Is-Sena 1980 | 202 |
| Direttiva tal-Kunsill 80/154/EEC | 202 |
| Direttiva tal-Kunsill 80/155/EEC | 202 |
| Aktar Ftehim | 203 |
| Kunsill Ewropew ġewwa l-Lussemburgu | 203 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Venezja | 203 |
| Il-Qasam Internazzjonali | 204 |
| Aktar Ftehim mill-Unjoni Ewropea | 204 |
| Komunikazzjoni mill-Kummissjoni | 204 |
| Żviluppi Oħra għal din is-Sena | 205 |
| Kunsill Ewropew ġewwa l-Lussemburgu | 205 |
| | |
| Is-Sena 1981 | 206 |
| Il-Parlament Ewropew | 206 |
| Titkabbar il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea | 206 |
| Skoss Elezzjonijiet | 207 |
| Ftehim ma' l-Indja | 207 |
| Żviluppi Oħra | 207 |
| Laqgħa Għolja bejn it-Tramuntana u n-Nofs in-Nhar | 208 |
| Il-Pajjiżi Mexxejja | 208 |
| Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni | 208 |
| | |
| Is-Sena 1982 | 209 |
| Greenland Titlaq Minn Membru | 209 |
| Membru ieħor fil-Konvenzjoni ta' Lome' | 209 |
| Il-Każ il-Kummissjoni kontra l-Belġju | 209 |
| Spanja fin-NATO | 211 |
| Aktar Żviluppi | 212 |
| Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda fuq il-Liġi tal-Baħar | 213 |
| | |
| Is-Sena 1983 | 217 |
| Il-Kwistjoni tal-Parlament Ewropew | 217 |
| Aktar Żviluppi | 218 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Brussell | 218 |
| Nuqqas ta' Xogħol | 218 |
| Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent | 218 |
| Laqgħa fuq l-Impjiegi u Edukazzjoni | 219 |
| Dikjarazzjoni Solenni fuq l-Unjoni Ewropea | 219 |
| Żviluppi Oħra | 220 |
| Spinelli Jippreżenta l-Abbozz tat-Trattat | 220 |
| Edukazzjoni | 220 |
| Kunsill Ewropew | 220 |
| Ftehim ieħor ta' Kooperazzjoni Ekonomika | 221 |
| Direttiva tal-Kunsill 84/5/EEC | 221 |

| | |
|---|---|
| Is-Sena 1984 | 223 |
| Approvat it-Trattat ta' Spinelli | 223 |
| Strateġija Ewropea | 223 |
| Nuqqas ta' Qbil fil-Kunsill Ewropew | 223 |
| Jitnaqqas it-Tfittix fuq il-Fruntieri | 224 |
| Laqgħa Għolja u Elezzjonijiet | 224 |
| Il-Kunsill Ewropew ta' Fontainbleu | 224 |
| Karta Oħra u Zviluppi Oħra | 225 |
| Il-Każ Klopp | 225 |
| Ftehim maċ-Ċina | 226 |
| Żviluppi Oħra | 226 |
| Il-Kontijiet Imħarbta tal-Kummissjoni | 226 |
| Żviluppi Oħra | 228 |
| Direttiva tal-Kunsill 84/641/EEC | 228 |
| | |
| Is-Sena 1985 | 229 |
| Il-Passaporti ta' l-Unjoni Ewropea | 229 |
| Il-Każ Gravier | 229 |
| Il-Kummissjoni kontra l-Ġermanja | 230 |
| Il-Kunsill Jaċċetta lill-Spanja u l-Portugall | 230 |
| Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent | 231 |
| Problema ta' Nuqqas ta' Mpjiegi | 231 |
| Il-Kummissjoni kontra l-Kunsill | 232 |
| Żviluppi Oħra | 233 |
| Direttiva 85/384/EEC | 233 |
| Aktar Żviluppi | 233 |
| Unjoni Maqtuha mill-Popli | 234 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Milan | 234 |
| Emendi u Trattat Ġdid | 234 |
| Karta Oħra mill-Kummissjoni | 234 |
| Spanja, il-Portugall u Konferenza Intergovernattiva | 235 |
| Il-Farmaċisti u d-Direttiva tal-Kunsill 85/432/EEC | 235 |
| Direttiva tal-Kunsill 85/433/EEC | 236 |
| Aktar Ftehim | 237 |
| Lejn Aktar Integrazzjoni | 237 |
| Direttiva tal-Kunsill 85/611/EEC | 237 |
| | |
| Is-Sena 1986 | 238 |
| Il-Każ Marshall | 238 |
| Il-Każ Nouvelle Frontieres | 239 |
| Żviluppi Oħra | 240 |
| Bandiera Misruqa | 240 |
| Dikjarazzjoni fuq Razziżmu u Xenofobja | 241 |
| Żviluppi Oħra | 241 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Londra | 241 |
| Direttiva tal-Kunsill 86/635/EEC | 242 |
| Direttiva tal-Kunsill 86/653/EEC | 242 |

| | |
|---|---|
| Is-Sena 1987 | 243 |
| L-Applikazzjoni Torka | 243 |
| Il-Kostituzzjoni | 245 |
| Sena ta' Elezzjonijiet | 245 |
| Aktar Laqgħat | 246 |
| Direttiva tal-Kunsill 87/343/EEC | 246 |
| Direttiva tal-Kunsill 87/344/EEC | 246 |
| Tisħiħ u Tisħib fis-Sistema Monetarja Ewropea | 246 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Kopenħagen | 247 |
| | |
| Żviluppi fil-Bidu tas-Sena 1988 | 248 |
| Aktar Elezzjonijiet u Żviluppi | 248 |
| Aktar Ftehim | 248 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Ħanover | 248 |
| Direttiva tal-Kunsill 88/357/EEC | 249 |
| Żviluppi Oħra | 249 |
| Ftehim Ieħor | 249 |
| Dikjarazzjoni dwar Liġi Amerikana fuq il-Kummerċ | 249 |
| Il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza | 250 |
| Il-Kunsill ta' Rodi | 250 |
| Direttiva tal-Kunsill 89/48/EEC | 250 |
| | |
| Is-Sena 1989 | 253 |
| Il-Każ Cowan | 253 |
| Żviluppi Oħra | 253 |
| Direttiva tal-Kunsill 89/298/EEC | 254 |
| Aktar Elezzjonijiet | 254 |
| Il-Munita Spanjola tidħol Fil-Mekkaniżmu tal-Kambju | 254 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Madrid | 254 |
| Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent | 255 |
| Ftehim ieħor ta' Kooperazzjoni | 255 |
| Kompetizzjoni ma' l-Amerika | 255 |
| Il-Waqa' tal-Ħajt ta' Berlin | 256 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Strasbourg | 256 |
| Konvenzjoni Oħra u aktar Ftehim | 256 |
| Ftehim bejn il-Komunita' u Unjoni Sovjetika | 256 |

# Kapitlu Sitta
# Is-Snin Tmenin

## Is-Sena 1980

Fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand l-Italja.

### Direttiva tal-Kunsill 80/154/EEC

Din id-Direttiva[1] tal-Kunsill kienet inħarġet fil-21 ta' Jannar u kif jingħad fil-bidu tagħha, kienet dwar l-għarfien reċiproku ta' Diplomi, Ċertifikati u xhieda oħra formali ta' kwalifiki professjonali tal-Qwiebel, u kienet tinkludi wkoll miżuri biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-ħelsien li tipprovdi servizz[2].

Din id-Direttiva kienet tordna lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-kwalifiki tal-Qwiebel miksuba fi Stati Membri oħra, l-użu ta' titoli professjonali, kif ukoll kellha l-għan, kif jingħad fil-paragrafi tal-bidu fl-istess daħla tagħha, li jingħata l-istess trattament bħal ma jingħata lill-Qwiebel[3] ċittadini ta' dak l-Istat Membru lil Qwiebel li jmorru jaħdmu hemmhekk minn Stati Membri oħra[4].

### Direttiva tal-Kunsill 80/155/EEC

Fl-istess jum li ħarġet id-Direttiva ta' qabel dwar il-Qwiebel, ħarġet ukoll Direttiva oħra mill-Kunsill li hija wkoll ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea[5], li kellha l-għan li tikkordina l-provvedimenti tal-liġijiet, regolamenti u prattiċi amministrattivi dwar l-attivitajiet tal-Qwiebel[6].

Din id-Direttiva kienet tagħti wkoll l-istess drittijiet li kienu ingħataw il-Qwiebel li kienu jaħdmu għal rashom għal dawk il-Qwiebel li jkunu mpjegati. L-istess Direttiva kellha wkoll lista ta' oqsma li fihom il-Qwiebel kien meħtieġ li jitħarrġu fihom.

Tajjeb li l-Qwiebel kollha, kemm dawk impjegati kif ukoll dawk li jaħdmu għal rashom, ikunu jafu li l-Gvern Nazzjonalista diġa' għamel il-liġi biex jagħti għarfien

[1] Council Directive 80/154/EEC 21.01.1980 OJL 033 11.02.1980 p0001-0007

[2] "Council Directive 80/154/EEC of 21 January 1980 concerning the mutual recognition of diplomas, certificated and other evidence of formal qualifications in midwifery and including measures tio facilitate the effective exercise of the right of establishment and freedom toprovide services"

[3] "Whereas it nevertheless seems desirable that certain provisions be introduced to facilitate the effective exercise of the right of establishment and freedom to provide services in respect of the activities of midwives…"

[4] "Whereas, pursuant to the Treaty, all discriminatory treatment based on nationality with regard to establishment and provision of services is prohibited as from the end of the transitional period, whereas the principle of such treatment based on nationality applies in particular to the grant of any authorisation required to practice as a midwife and also to the registration with or membership of a professional organisation or bodies…"

[5] Council Directive 80/155/EEC 21.01.1980 OJL 033 11.02.1980 p0008-0012

[6] "Whereas, as far as training is concerned, most Member States do not at present distinguish between midwives who pursue their activities as employed persons and those who are self-employed; whereas for this reason it appears necessary to extend the application of this Directive to employed midwives…"

lill-kwalifiki u jagħti dritt li l-Qwiebel u professjonisti oħra minn kull Stat Membru li jiġu jaħdmu f'Malta u f'Għawdex.

Għaldaqstant, il-Qwiebel Maltin u Għawdxin u l-professjonisti kollha għandhom xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom mhedded bi sħubija fl-Unjoni Ewropea.

## Aktar Ftehim

Fis-27 ta' Frar, San Vinċens u l-Grenadines[7] saru l-59 **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** mill-Istati AKP[8] li kienu issieħbu fit-Tieni Konvenzjoni ta' Lome'. Bejn is-7 u t-8 ta' Marzu kien iffirmat il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-KEE u l-ASEAN[9]. Fit-2 ta' April kien iffirmat ftehim ta kooperazzjoni ieħor bejn il-Komunita' u l-Jugoslavja.

Ftehim wieħed wara l-ieħor fis-sensiela ta' ftehim magħmula mill-Unjoni Ewropea mhux biss ma' Stati individwali, imma anki ma' organizzazzjonijiet ta' Stati kif ukoll konvenzjonijiet li jiġbru fihom ħafna Stati, li kollha juru li mhux tassew li bilfors trid tkun membru ta' l-Unjoni Ewropea biex inti jkollok xi ftehim magħha.

## Kunsill Ewropew ġewwa l-Lussemburgu

Bejn is-27 u t-28 ta' April, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa l-Lussemburgu, fejn ġew mitħaddta l-problemi mal-konverġenza[10] u l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għall-estimi jew baġit[11] tal-Komunita'.

Tajjeb li nfakkar li r-Renju Unit kien qal li kien qiegħed iħallas ħafna aktar milli suppost kien sehemu, u għaldaqstant ried li sehemu jitnaqqas.

**Il-Gvern Ingliż kien wasal li kien lest li jitlaq mis-sħubija fl-Unjoni Ewropea jekk it-talbiet tiegħu ma jiġux milquha.**

Fid-9 ta' Mejju kien jaħbat it-tletin anniversarju tad-Dikjarazzjoni Schuman, waqt li fit-30 tax-xahar, il-Kunsill laħaq ftehim ta' kompromess dwar il-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għall-estimi tal-Komunita'.

## Kunsill Ewropew ġewwa Venezja

Bejn it-12 u t-13 ta' Ġunju kien inżamm Kunsill Ewropew ieħor ġewwa Venezja, fl-Italja, fejn kienu saru erba' dikjarazzjonijiet. Dawn kienu waħda dwar il-Lvant Nofsani[12], waħda dwar id-djalogu Ewro-Għarbi[13], waħda dwar il-Libanu u oħra dwar l-Afganistan.

---

[7] Saint Vincent and the Grenadines
[8] Afrika, Karibbew u l-Paċifiku (AKP) Africa, Caribbean and Pacific (ACP)
[9] Assocjazzjoni ta' Nazzjonijiet ta' l-Asja tax-Xlokk – Association of South East Asian Nations
[10] Konvergenza tfisser tqarrib lejn xulxin sakemm isiru l-istess jew jiltaqgħu xi mkien fl-istess post
[11] Fondi
[12] Middle East
[13] Euro-Arab dialogue

Hawnhekk naraw li fil-mixja lejn Stat Federali, il-passi komplew jittieħdu, din id-darba permezz ta' dikjarazzjonijiet, minn istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, għalkemm mir-rappreżentanti wkoll ta' l-Istati Membri kollettivament, imma mhux mill-Istati Membri individwali skond kif ikun fl-interess tagħhom.

Fl-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Lussemburgu.

## Il-Qasam Internazzjonali

Fil-qasam internazzjonali, bejn il-25 ta' Awissu u l-15 ta' Settembru, kienet saret il-ħdax 'il sessjoni speċjali ta' l-Assemblea tal-Ġnus Magħquda dwar l-iżvilupp, waqt li fis-16 ta' Settembru kienet saret is-sessjoni tal-ftuħ tal-35 sessjoni ordinarja ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda.

## Aktar Ftehim mill-Unjoni Ewropea

Fit-18 ta' Settembru, kien ġie ffirmat ftehim qafas[14] ta' kooperazzjoni bejn il-Komunita' u l-Brażil, u aktar tard fl-1 ta' Ottubru, il-ftehim li kien ġie ffirmat bejn il-KEE u l-ASEAN daħal fis-seħħ, waqt li bejn id-29 u t-30 tax-xahar, is-Sur Roseingrave kien ġie elett bħala President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[15].

Ftehim qafas ifisser li dak il-ftehim ikun qiegħed jagħmel il-linji ġenerali ta' gwida li l-partijiet iridu jimxu magħhom, u d-dettalji fuq affarijiet jew setturi partikolari jiġu deċiżi bi ftehim bejniethom fil-linji ta' gwida li jkunu qablu fuqhom fil-ftehim.

## Komunikazzjoni mill-Kummissjoni

Wara li s-sena ta' qabel il-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, kienet iddeċidiet il-każ magħruf bħala Cassis de Dijon[16], il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, ħarġet Komunikazzjoni lill-Istati Membri biex tagħmilha aktar ċara lill-Istati Membri li ma setgħux ma jħallux prodott minn Stat Membru ieħor li ma jidħolx għandhom. Din ġiet ppubblikata wkoll fil-íurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea[17].

Il-Kummissjoni qalet lill-Istati Membri li l-prodotti kollha li jkunu ġew impurtati minn Stat Membru ieħor li fih ikunu gew magħmula legalment, jiġifieri li jkunu jikkonformaw ma' regolamenti u proċessi ta' produzzjoni li jkunu skond il-konswetudni u t-tradizzjoni aċċettati f'dak il-pajjiż li jkunu qed jiġu esportati minnu, kienu jridu fil-prinċipju jitħallew jidħlu fl-Istat Membru li fih ikunu ġew impurtati.

Dawn il-prodotti riedu jitħallew jidħlu għaliex anki jekk Stat Membru jkollu xi regolamenti ta' natura teknika u kummerċjali li jkunu japplikaw kemm għall-prodotti magħmula fih stess kif ukoll għal dawk impurtati, dawn xorta waħda setgħu jkunu ta' tfixkil u ostakli għall-kummerċ.

---

[14] Framework
[15] Economic and Social Committee
[16] C120/79 20.02.1979
[17] OJ C 256 03.10.1980 p0002-0003

Dan ifisser li anki jekk Stat Membru kien jitlob li ċerti prodotti li jinħadmu fih stess riedu jkunu konformi ma' ċerti livelli ta' iġjene jew sigurta' oħra dwar is-saħħa li jkunu aktar iebsa minn dik li jkun hemm fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat ma jkunx jista' ma jħallix prodotti minn Stat Membru ieħor li jkollu livelli ta' iġjene jew sigurta' dwar is-saħħa inqas milli jkollu huwa imma li jkunu konformi ma' l-inqas livelli ta' l-Unjoni Ewropea, milli jiddaħħlu għandu.

Fil-fatt kien hemm każijiet maqtuha mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fejn Stati Membri ġabu din l-iskuża biex ma jħallux prodotti minn Stati Membri jiddaħħlu għandhom, imma din ma ġietx aċċettata għaliex il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li huma jridu jsejjsu l-provi tagħhom fuq esperti u rakkomandazzjonijiet internazzjonali u mhux fuq l-esperti tagħhom stess.

Kif wieħed jista' jara, għall-Unjoni Ewropea l-ewwel jiġi l-kummerċ ħieles skond ir-regoli tagħha, imbagħad l-interessi ta' l-Istati Membri u tas-saħħa tal-konsumaturi tagħhom.

**Żviluppi Oħra għal Din is-Sena**

Fl-4 ta' Novembru, Żimbabwe kienet saret is-sittin **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** mill-pajjiżi AKP[18] li kien sar membru tal-Konvenzjoni ta' Lome'.

Dan kien ifisser li l-Unjoni Ewropea kellha ftehim dwar il-kummerċ ma' sittin Stat minħabba li dawn kienu membri fil-Konvenzjoni ta' Lome', li kienet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati membri f'din il-Konvenzjoni.

Altru milli tagħmel ftehim ma Stati oħra' l-Unjoni Ewropea.

Fil-11 tax-xahar, kienet fetħet il-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa ġewwa Madrid, fi Spanja. Imbagħad, bejn it-12 u t-13 tax-xahar, fil-Lussemburgu kien reġa' beda d-djalogu Ewro-Għarbi.

**Kunsill Ewropew ġewwa l-Lussemburgu**

L-aħħar żviluppi għal din is-sena kienu li bejn l-1 u t-2 ta' Diċembru kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa l-Lussemburgu.

Din il-laqgħa tal-Kunsill kienet iddeċidiet fuq l-għajnuna li kellha tingħata l-Italja biex terġa' tibni mill-ġdid wara li kien sar terremot, dwar ir-relezzjonijiet bejn il-Lvant u l-Punent, fuq il-Lvant Nofsani, kif ukoll fuq l-għajnuna li kellha tingħata lill-Polonja.

[18] Afrika, Karibbew u PaĐifiku

## Is-Sena 1981

L-1981 bdiet billi mill-1 ta' Jannar ta' din is-sena, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Konmunitajiet Ewropej għaddiet għand l-Olanda, waqt li fl-istess jum, il-Greċja saret l-10 Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej. Il-Kummissjoni l-ġdida bil-President Thorn kienet bdiet il-ħidma tagħha fl-20 tax-xahar.

## Il-Parlament Ewropew

Fit-12 ta' Marzu, il-Parlament kien addotta regolament ġdid li kellu jtejjeb l-iffunzjonar intern tiegħu waqt li jingħata aktar widen tal-pariri u l-emendi tiegħu.

Minn dan naraw li jekk wieħed iħalli barra l-iffunzjonar intern tiegħu, huwa ċar kemm minkejja li l-Parlament kien jagħti l-pariri u jagħmel l-emendi tiegħu għal xi proposti li kienu jintbagħtulu, l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunita' ma kienux jagħtu kasu.

Fit-18 ta' Marzu, ir-Repubblika ta' Vanwatu[19] saret il-61 **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** mill-pajjiżi AKP li kien issieħeb fil-Konvenzjoni ta' Lome'. B'hekk, zdied Stat ieħor li l-Unjoni Ewropea kellha ftehim miegħu permezz ta' din il-konvenzjoni.

Bejn it-23 u l-24 ta' Marzu, kien inżamm Kunsill Ewropew ieħor ġewwa Maastricht, fl-Olanda. It-taħdidiet f'dan il-Kunsill kienu l-aktar dwar il-perspettivi ekonomiċi u soċjali.

## Titkabbar il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea

Hija ħaġa minn ewl id-dinja li aktar ma jiżdiedu l-Istati Membri, aktar ikun hemm nuqqas ta' qbil u kwistjonijiet, kemm bejn l-Istati Membri nfushom, kemm bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, u kemm bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri. Il-kwistjonijiet jiżdiedu wkoll minħabba li jiżdiedu n-numru taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri kif ukoll il-kumpaniji ta' kull Stat Membru.

Il-Qawl Malti jgħid li **"Anki l-imsaren fiż-żaqq igorru"**, aħseb u ara meta jkollok il-miljuni kbar ta' nies, kumpaniji, Stati Membri u istituzzjonijiet li kollha għandhom l-interessi partikolari tagħhom li jistgħu jkunu kontra xulxin.

Il-kwistjonijiet ikomplu jiżdiedu meta jkollok l-istituzzjonijet ta' l-Unjoni Ewropea u Stati Membri li jkunu f'kompetizzjoni ma' xulxin u fejn l-istituzzjonijiet ikunu qed jidħlu fl-għalqa li qabel kienet ta' l-Istati Membri.

Għaldaqstant, it-tkabbir kien wassal biex jiżdiedu bil-kbir il-każi li bdew jitressqu quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan wassal biex fit-30 ta' Marzu, il-Kunsill iddeċieda li jżid in-numru ta' mħallfin u Avukati Ġenerali.

Għaldaqstant, issa kien hemm ħdax-il Imħallef u ħames Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropew, kif huwa t-titolu uffiċjali tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

---

[19] Vanuatu

Anki t-titolu juri l-arroganza u l-intenzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li tikber sakemm ikun hemm l-Istati kollha ta' l-Ewropa membri tagħha, għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea mhux Qorti ta' l-Ewropa kollha, imma huwa biss il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

**Skoss Elezzjonijiet**

Wieħed jista' jgħid li din kienet sena ta' l-elezzjonijet. Fis-26 ta' April kienu saru l-elezzjonijiet Presidenzjali fi Franza, waqt li fis-26 ta' Mejju kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fl-Olanda. Fis-7 u l-21 ta' Ġunju kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fi Franza, waqt li fil-11 ta' Ġunju kienu saru wkoll l-elezzjonijiet leġislattivi fl-Irlanda.

Fit-18 ta' Ottubru saru l-elezzjonijiet leġislattivi fil-Greċja u elezzjonijiet biex il-poplu Griek itella l-Membri Parlamentari tiegħu għall-Parlament Ewropew. Fit-8 ta' Novembru saru l-elezzjonijiet leġislattivi fil-Belġju u fit-8 ta' Diċembru elezzjonijiet leġislattivi fid-Danimarka. B'elezzjonijiet leġislattivi nifhmu elezzjonijiet għall-Parlament tal-pajjiż.

**Ftehim ma' l-Indja**

Fit-23 ta' Ġunju kien ġie ffirmat ftehim fuq kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-Komunita' Ewropea u l-Indja.

Kif wieħed jista' jara, il-Komunita' tagħmel ftehim anki ma' l-ibgħad pajjiżi fin-naħa l-oħra tad-dinja, għaliex fejn jidħlu l-interessi kummerċjali u ekonomiċi m'hemmx bogħod u qrib.

Dan il-ftehim, bħal ftehim oħra bħalu, mhux biss igiddeb, imma għandu jkun ta' eżempju għal dawk kollha li jgħidu li għandna nsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea għaliex jgħidu li dik l-unika triq li għandna, għaliex barra l-effetti ħżiena l-oħra li sħubija ġġib magħha, b'hekk inkunu qed nintrabtu ma' suq wieħed u nitilfu d-dritt tagħna li nagħmlu ftehim ma kull min ikun jaqblilna bħal ma tagħmel l-istess Unjoni Ewropea.

Dan l-eżempju juri wkoll is-serjeta' tal-Partit Laburista li mhux biss irid iżomm sħiħ il-ħelsien tagħna, imma jagħmel ukoll kull ftehim ma' kull Stat ieħor fid-dinja li jkun jaqbel għalina, kif wara kollox dejjem għamlet l-Unjoni Ewropea.

Jekk l-Unjoni Ewropea stess tagħmel dawn il-ftehim kollha, għaliex Malta m'għandiex tagħmel l-istess u tqabbel fejn ikun jaqblilha?

**Żviluppi Oħra**

Bejn id-29 u t-30 ta' Ġunju, kien sar ukoll Kunsill Ewropew ġewwa l-Lussemburgu, fejn it-taħdidiet kienu dwar il-perspettivi u r-relazzjonijiet bejn il-Komunita', l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Ġappun.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand ir-Renju Unit, waqt li bejn id-19 u l-21 tax-xahar, kienet inżammet Laqgħa Għolja[20] tal-Punent ġewwa Ottawa, fil-Kanada.

Bejn l-1 u l-14 ta' Settembru, kienet inżammet Konferenza tal-Ġnus Magħquda dwar il-pajjiżi l-inqas avvanzati[21], liema Konferenza kienet inżammet ġewwa Pariġi, fi Franza. Pierre Lelong kien inħatar President tal-Qorti ta' l-Awdituri fit-18 ta' Ottubru.

## Laqgħa Għolja bejn it-Tramuntana u n-Nofs in-Nhar

Laqgħa Għolja bejn it-Tramuntana u n-Nofs in-Nhar[22] kienet inżammet ġewwa Kankun[23], fil-Messiku, fejn saret magħrufa l-urġenza biex jintlaħaq kunsens fuq in-negozjati globali tal-Ġnus Magħquda.

Tajjeb li wieħed jgħid li dawn il-laqgħat kienu qed isiru għaliex huwa meqjus li l-pajjiżi li jinsabu fit-Tramuntana tad-dinja huma pajjiżi żviluppati u sinjuri waqt li dawk tan-nofs in-nhar huma fqar u inqas żviluppati.

Għaldaqstant, kienu qed jinżammu dawn il-laqgħat biex jaraw kif tista' titkabbar il-kooperazzjoni u jkun hemm aktar għajnuna lill-pajjiżi tan-nofs in-nhar biex ikomplu jiżviluppaw u jonqos il-faqar kbir li għandhom ħafna minnhom. Madankollu, id-differenza għadha hemmhekk u ma jidhirx li se tirranġa fil-futur qrib.

## Il-Pajjiżi Mexxejja

Fis-7 ta' Novembru, Franza u r-Repubblika Federali tal-íermanja, għaliex dak iż-żmien kien għad hemm il-Ġermanja maqsuma bejn il-Ġermanja tal-Lvant u tal-Punent, kienu ppreżentaw il-Pjan Genscher-Colombo, li kien proġett dwar "Att Ewropew" biex itejjeb il-mekkaniżmi istituzzjonali.

Il-fatt li dan il-pjan ġie ppreżentat minnn dawn iż-żewġ Stati Membri juri min huma dawk l-Istati Membri li tassew imexxu fl-Unjoni Ewropea.

## Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni

Kif wieħed jista' jara minn dak li għedt s'issa f'dan il-ktieb, il-Kummissjoni hija l-aktar istituzzjoni li toħroġ komunikazzjonijiet, regolamenti, direttivi, opinjonijiet, deċiżjonijiet, karti u affarijiet oħra lill-Istati Membri.

Tafu wkoll min jieħu passi kontra l-Istati Membri meta dawn ma jobdux xi ħaġa li tkun ordnat.

Dawn l-affarijiet kienu u għadhom ta' tħassib għall-Istati Membri, tant li bejn is-26 u s-27 ta' Novembru kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Londra, fir-Renju Unit, fejn it-taħdidiet kienu ċċentraw fuq il-komunikazzjonijiet li kienet tagħmel il-Kummissjoni.

[20] Western Economic Summit
[21] Least advanced Countries
[22] North-South Summit
[23] Cancun

## Is-Sena 1982

Fl-1 ta' Jannar 1982, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Belġju, waqt li fid-19 tax-xahar, Pieter Dankert kien ġie elett bħala l-President tal-Parlament Ewropew.

Anki din is-sena kompliet bl-elezzjonijiet, fejn fit-18 ta' Frar kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fl-Irlanda.

## Greenland Titlaq Minn Membru

Fit-23 ta' Frar, kien sar referendum mill-aktar importanti li wassal biex l-ewwel pajjiż jitlaq minn sħubija fil-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-referendum kien inżamm fi Greenland, li kienet saret membru tal-Komunitajiet Ewropej minħabba li kienet tagħmel parti mid-Danimarka. Għaldaqstant, meta d-Danimarka kienet saret membru, Greenland kienet saret ukoll membru awtomatikament.

Ir-riżultat tar-referendum kien wera li l-poplu ta' Greenland kien iddeċieda li fl-interessi tiegħu ma kienx jaqbillu li jibqa' membru tal-Komunitajiet Ewropej.

Greenland setgħet tagħmel hekk minħabba li kull pajjiż li jkun taħt il-kontroll ta' xi pajjiż ieħor u jieħu l-indipendenza, għandu dritt li jiddeċiedi jekk iżommx jew ineħħi, jiġifieri jirrinunzja, dawk it-trattati kollha li l-pajjiż li kien jikkmandah kien ikun iffirma għalih.

Dan huwa dritt mogħti mil-Liġi Internazzjonali u anki Malta kellha dritt li taċċetta li tkompli u tħalli fis-seħħ dawk it-Trattati li l-Gvern Ingliż kien iffirma għaliha jew tiċħad kull Trattat li kien jidrilha li mhux fl-interess tagħha li tibqa' fih meta kienet ingħatat l-indipendenza.

## Membru ieħor fil-Konvenzjoni ta' Lome'

Fil-5 ta' Marzu, Beliż kienet saret it-62 **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** mill-pajjiżi AKP li kien issieħeb fit-Tieni Konvenzjoni ta' Lome', u għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea tiġi li awtomatikament kabbret il-ftehim tagħha permezz tal-Konvenzjoni ma' Stat ieħor.

Fil-25 tax-xahar kien jaħbat il-25 anniversarju tal-iffirmar tat-Trattat ta' Ruma, waqt li bejn id-29 u t-30 tax-xahar kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju.

## Il-Każ il-Kummissjoni kontra l-Belġju

Dan il-każ[24] inqata mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' sentenza finali fis-26 ta' Mejju 1982 u huwa rrapurtat fir-Rapporti tal-Qorti Ewropew 1982 paġna 1845,

[24] Judgment of the Court of 26 May 1982 Commission of the European Communities v Belgium Free movement of workers. Case 149/79. ECR 1982 p1845

waqt li sentenza preliminari[25] kienet ingħatat fis-17 ta' Diċembru 1980 u hija rrapurtata wkoll fir-Rapporti ta'Qorti Ewropew 1980 paġna 3881.

Dan il-każ kien dwar applikazzjonijiet għax-xogħol li l-Belġju kien ħareġ għaċ-ċittadini tiegħu biss, jiġifieri li min japplika ried ikun ċittadin Belġjan. Ix-xogħol kien mal-Kumpanija Nazzjonali tal-Ferrovija Belġjana u l-Kumpanija Nazzjonali tal-Ferrovija Lokali.

Dawn riedu nies biex jitħarrġu bħala sewwieqa tal-ferroviji, dawk li jpoġġu l-linji, dawk li jdawwru l-ferroviji u dawk li kienu jagħtu s-sinjali, kif ukoll ħaddiema oħra bla sengħa.

Bejn l-1973 u l-1977, kienu saru wkoll sejħiet pubbliċi fil-gazzetti Belġjani għal nurses fl-isptarijiet, nurses tat-tfal, watchmen għal bil-lejl, plumbers, mastrudaxxi, electricians, ġardinara, periti u supervisors fi Brussell u f'Auderghem. Dawn kollha riedu jkunu ċittadini Belġjani.

Il-Kummissjoni qalet li l-Belġju kien qiegħed jiddiskrimina kontra ċittadini ta' Stati Membri oħra u għalhekk fetħet kawża kontra l-Belġju fil-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea. Minħabba l-importanza ta' dan il-każ, il-Ġermanja, Franza u r-Renju Unit kienu ħadu pożizzjoni favur il-Belġju.

Il-Belġju argumenta li t-tieni paragrafu ta' l-Artiklu 6 tal-Kostituzzjoni Belġjana kien jipprovdi li,
**"Il-Belġjani … biss setgħu jiddaħħlu jaħdmu f'postijiet ċivili u militari ħlief f'każijiet speċjali li għalihom hemm eżenzjoni bil-liġi."**

Għal dak li qal il-Belġju, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet, fil-paragrafu 19 tas-sentenza, li,

**"Il-fatt li l-Kostituzzjoni Belġjana ma kinitx taqta' barra l-possibbilta' li jingħataw eċċezzjonijiet għaċ-ċittadinanza, irid jitfakkar li l-Qorti dejjem saħqet fil-każijiet tagħha, li r-rikors għall-provvedimenti tas-sistema tal-liġi domestika biex jirrestrinġu l-għan tal-provvedimenti tal-liġi tal-Komunita' kien ikollhom l-effett li jfixklu l-unita' u l-effikaċja ta' dik il-liġi u konsegwentament ma jistgħux jiġu aċċettati…"**

Fi kliem ieħor, minkejja dak li kienet tipprovdi l-Kostituzzjoni Belġjana, il-Belġju ma setgħax jirriserva dawk ix-xogħolijiet għaċ-ċittadini Belġjani għaliex dan kien kontra l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

**Dak li qalet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ma jfisser xejn ħlief li għall-Unjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni ta' kull Stat Membru hija inqas u taqa' taħt il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li minn dejjem kien meqjus u miżmum li l-Kostituzzjoni hija l-aqwa liġi ta' kull Stat, li kull liġi oħra hija inqas mill-Kostituzzjoni u trid tkun taqbel magħha, u jekk ma tkunx taqbel u skond il-**

[25] Commission of the European Communities v Belgium Free movement of workers C149/79 ECR 1980 p3881

**provvedimenti kollha tal-Kostituzzjoni, dik il-liġi ma tkunx tgħodd, jew kollha jew il-partijiet li ma jkunux jaqblu mal-Kostituzzjoni.**

Dan huwa r-rispett li l-Unjoni Ewropea għandha għall-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri. Il-Qorti tat ċans lill-Kummissjoni u l-Belġju biex jippruvaw jirranġaw l-affarijiet bejniethom għax fis-26 ta' Mejju 1982 kellha tagħti s-sentenza finali tagħha.

Minħabba li l-Belġju u l-Kummissjoni ma kinux ftehemu, il-Qorti tat is-sentenza finali tagħha fejn qalet, fost affarijiet oħra, li minħabba li l-Belġju kien għamel iċ-ċittadinanza Belġjana bħala kundizzjoni għall-postijiet imsemmija ħlief għall-postijiet ta' head technical supervisor, principal supervisor, works supervisor, stock controller u night watchman mal-Muniċipalita' ta' Brussell u Perit mal-Muniċipalita' ta' Brussell u Auderghem, il-Belġju kien naqas mill-obbligi tiegħu taħt it-Trattat EEC.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ordnat li l-ispejjeż jinqasmu min-nofs bejn il-Belġju u l-Kummissjoni, waqt li l-Ġermanja, Franza u r-Renju Unit iħallsu l-ispejjeż tagħhom. Hekk iddeċidiet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u hekk kellu jsir.

Qabel kienet tista' ssir xi eżenzjoni u ċerti postijiet jaħarqu, bħal ma huma fl-armata u postijiet għolja fis-servizz ċivili setgħu jiġu riservati għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru, imma issa tajjeb li wieħed jiftakar li minn dak iż-żmien, l-affarijiet infetħu ħafna aktar u kull xogħol f'kull Stat Membru jistgħu japplikaw għalih kull ċittadin minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea. Ħadd u xejn ma jista' jżommhom.

## Spanja fin-NATO

Fit-30 ta' Mejju, Spanja saret is-16-il membru tan-NATO. Wieħed jinduna li t-tendenza hija li l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, isiru wkoll membri fin-NATO, li hija organizzazzjoni militari.

Għaldaqstant, jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, issir pressjoni biex Malta ssir ukoll membru tan-NATO minkejja dak li tgħid il-Kostituzzjoni tagħna.

Issir pressjoni biex tinbidel il-Kostituzzjoni u Malta terġa' ssir bażi militari bil-perikli kollha li din iġġib magħha biex jinqeda l-barrani u l-forzi militari tan-NATO.

**Dan barra s-sehem taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea. Jekk tinqala l-ħtieġa, l-Unjoni Ewropea mhux se toqgħod taħsibha darbtejn biex tordna lill-Istati Membri biex idaħħlu l-lieva.**

Mhux għax wieħed ma jistax jgħid li Malta diġa' saret bażi tan-NATO u ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex il-port ta' Malta reġa' sar latrina tal-baħrin bin-numru kbir ta' bastimenti tal-gwerra mill-pajjiżi tan-NATO, li minnhom qiegħed ikun hawn aktar minn wieħed fil-ġimgħa.

Il-pressjoni li saret fuq l-Irlanda dwar ir-referendum biex minkejja li l-poplu Irlandiż kien qal le għat-Trattat ta' Nizza din id-darba jgħid iva għandha sservi ta' eżempju u hija biss waħda mill-mezzi li jintużaw biex iċ-ċittadini ta' Stat Membru jbiddlu fehemthom u jaqblu għal dak li tkun trid l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li nfakkar li ftit aktar 'il fuq rajna kif minkejja dak li kienet tgħid il-Kostituzzjoni Belġjana, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea bis-sentenza tagħha ġiebet il-Kostituzzjoni ta' Stat Membru inqas minn, u taħt ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, ħadd m'għandu jeħodha bi kbira li l-Unjoni Ewropea diġa' bdiet tħeġġeġ lill-Gvern Nazzjonalista jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta meta' wiegħed li se jibgħat suldati Maltin fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea minkejja dak li tgħid il-Kostituzzjoni ta' Malta u minkejja li l-Unjoni Ewropea stess kienet qalet li Malta jkollha tibdel il-Kostituzzjoni biex tkun tista' tieħu sehem fil-politka barranija u ta' difiża komuni tagħha kif naraw aktar 'il quddiem.

**B'dak li ħeġġet lill-Gvern Nazzjonalista biex jagħmel minkejja li kienet taf li dak kien se jsir bi ksur tal-Kostituzzjoni, l-Unjoni Ewropea hija kompliċi, anzi prokuratrici tal-Gvern Nazzjonalista fil-ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

## Aktar Żviluppi

F'Ġunju wkoll saru laqgħat, tant li bejn l-4 u s-6 ta' Ġunju kienet inżammet Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent ġewwa Versailles, fi Franza, waqt li bejn it-28 u d-29 tax-xahar, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Fl-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej kienet għaddiet għand id-Danimarka.

Fit-30 tax-xahar, Antigwa u Barbados[26] saru t-63 **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** mill-pajjiżi AKP li kien issieħeb fit-Tieni Konvenzjoni ta' Lome'.

Għaldaqstant, dan kien ifisser li l-Unjoni Ewropea kienet daħlet ukoll fi ftehim ieħor permezz tat-Tieni Konvenzjoni ta' Lome', din id-darba mal-pajjiż il-ġdid li kien sar membru fil-Konvenzjoni.

Fit-8 ta' Settembru kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fl-Olanda, waqt li fil-15 tax-xahar il-Parlament Ewropew iċċelebra t-30 anniversarju ta' l-ewwel laqgħa ta' l-Assemblea tal-KEFA.

Fl-1 ta' Ottubru, il-ftehim qafas[27] fuq il-kooperazzjoni bejn il-Komunita' u l-Brażil li kien sar aktar qabel daħal fis-seħħ, waqt li elezzjonijiet leġislattivi kienu saru fi Spanja. Fl-24 ta' Novembru kien imiss li jsiru elezzjonijiet leġislattivi fl-Irlanda.

Bejn it-3 u l-4 ta' Diċembru kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Kopenħagen[28], fid-Danimarka. Dan il-Kunsill kien għamel xi oġġettivi prijoritarji fl-oqsma ekonomiċi u soċjali, u kkonferma l-impenn politiku favur it-tkabbir.

---

[26] Antigua and Barbados

[27] Framework agreement. Jissejjaħ ftehim qafas għaliex ma jkunx dettaljat, imma jkun hemm l-għanijiet li jridu jintlaħqu u linji ta' gwida kif iridu jintlaħqu, waqt li d-dettalji jinħadmu wara mill-partijiet li jkunu ffirmaw il-ftehim

[28] Copenhagen

## Il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda fuq il-Liġi tal-Baħar

Wieħed ma jistax ma jsemmix żvilupp mill-aktar importanti li kien seħħ din is-sena fil-qasam internazzjonali. Dan l-iżvilupp kien l-iffirmar tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda fuq il-Liġi tal-Baħar, liema Konvenzjoni kienet ġiet iffirmata fl-10 ta' Diċembru 1982, ġewwa l-bajja ta' Montego, fil-Ġamajka.

Din il-konvenzjoni kienet frott ta' 12-il sena ta' ħidma u taħdidiet fi ħdan il-Ġnus Magħquda bejn pajjiżi u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali.

Fil-fatt, din kienet it-tielet konferenza dwar il-liġi tal-baħar li kienet saret wara t-tieni gwerra dinjija biex jippruvaw jilħqu ftehim fuq il-limiti tal-baħar territorjali.

Għaldaqstant, biex wieħed jifhem l-importanza ta' din il-Konvenzjoni, tajjeb li nagħti ftit l-istorja fil-qosor dwar il-baħar terrritorjali.

Sa minn żmien ir-Rumani, kien hemm il-kunċett li s-sovranita' ta' Stat kostali kienet tasal il-barra mix-xtut tiegħu. Matul is-snin, kienet ħarġet dik magħrufa bħala r-regola tat-tir ta' kanun[29] li permezz tiegħu Stat kien jista' jipproteġi t-tbaħħir viċin il-kosta tiegħu. Minħabba li dak iż-żmien kanun kien iwassal għal-madwar tliet mili, kienet ħarġet ir-regola li l-baħar territorjali kien ta' tliet mili.

Għalkemm kienu ilhom isiru proposti għal snin twal dwar il-limiti ta' l-ibħra territorjali, u kien hemm Stati differenti li kienu jgħidu li l-baħar territorjali tagħhom kien iżjed minn tliet mili nawtiċi, l-Istitut tal-Liġi Internazzjonali kien ilu sa' mill-1894 li kien ippropona li dawn għandhom ikunu ta' sitt mili.

Il-pajjiżi l-kbar ma kinux jaqblu li jsir hekk minħabba l-interessi imperjalistiċi tagħhom, għaliex riedu li jkomplu jbaħħru viċin il-kosta ta' pajjiżi oħra.

Riedu jkomplu jagħmlu hekk kemm biex iżommu sorveljanza mill-qrib fuq kull Stat ieħor, kif ukoll biex jekk ikun meħtieġ, jintbagħtu numru kbir ta' bastimenti biex waqt li jkunu jidhru mix-xatt u l-popolazzjoni ta' dak l-Istat jarawhom bħala theddida jew wirja ta' saħħa, fl-istess ħin ikunu f'ibħra internazzjonali u l-Istat li jkunu viċin tiegħu ma jkun jista' jagħmel xejn għax ma jkunux daħlu fl-ibħra territorjali tiegħu.

Barra minn hekk, l-ibħra qrib l-art minn dejjem kienu aktar fertili fejn jidħol il-qbid tal-ħut, jiġifieri kien jinqabad aktar ħut qrib l-art milli kien jinqabad f'ibħra aktar fondi.

Għaldaqstant, huma riedu li jkollhom id-dritt li jibqgħu deħlin sa tliet mili 'l bogħod minn kull art barranija, kemm biex jilħqu l-interessi imperjalistiċi tagħhom, kif ukoll biex is-sajjieda tagħhom jkunu jistgħu jistadu fil-qrib ta' artijiet oħra.

Fl-1928, l-istess Istitut, jiġifieri l-Istitut tal-Liġi Internazzjonali, kien issuġġerixxa li l-baħar territorjali għandu jkun ta' tliet mili nawtiċi li setgħu jkunu iżjed jew inqas jekk ikun hemm konswetudni internazzjonali.

---

[29] Cannon shot rule

Anki l-Konferenza ta' Kodifikazzjoni li kienet inżammet ġewwa "The Hague", fl-Olanda fl-1930, ma kinitx laħqet qbil minħabba d-differenzi li kien hemm bejn dawk li kienu ħadu sehem. Il-proposti tal-pajjiżi li kienu ħadu sehem f'din il-Konferenza kienu jvarjaw minn tliet mili sa tnax-il mil nawtiku.

Fl-1958 kienet saret konferenza oħra, din id-darba ġewwa Ġeneva, fl-Iżvizzera. Għalkemm bħala riżultat ta' din il-konferenza kienu saru erba konvenzjonijiet[30], baqa' ma ntlaħaqx ftehim dwar l-ibħra territorjali. Fl-1960 kienet saret konferenza oħra, imma lanqas din ma kienet laħqet qbil.

Għaldaqstant, meta kienet issejħet konferenza oħra, il-Ġnus Magħquda riedet li jsir minn kollox biex jintlaħaq ftehim, u li għalhekk, kull min kellu xi nteress kellu jieħu sehem u jagħti l-fehema tiegħu.

Anki Malta kienet tat is-sehem tagħha għall-iżviluppi li aktar 'il quddiem kellhom iwasslu biex jiġu mdaħħla f'din il-Konvenzjoni, meta Dottor Arvid Pardo, li kien l-Ambaxxatur ta' Malta fil-Ġnus Magħquda, kien ippreżenta l-kunċett tal-wirt komuni ta' l-umanita'[31] tar-riżorsi kollha ta' qiegħ il-baħar 'il barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

Wieħed jista' jara kemm kienet meqjusa li kellha importanza fil-qasam internazzjonali din il-Konvenzjoni fl-iżvilupp tal-liġi tal-baħar.

Madankollu, din il-Konvenzjoni hija mhux biss importanti fil-qasam internazzjonali, imma hija wkoll importanti minħabba li l-Unjoni Ewropea, li dak iż-żmien kienet għadha tissejjaħ bħala Komunita' Ewropea, kienet talbet biex tieħu sehem u anki kienet iffirmat l-Att Aħħari[32] tal-Konferenza.

Il-Konferenza tal-Ġnus Magħquda kienet aċċettat it-talba tal-Komunita' Ewropea biex tieħu sehem minħabba li kif diġa' għedt, ħafna organizzazzjonijiet internazzjonali u reĺjonali oħra kienu wkoll qed jieħdu sehem, għaliex tant kienet Konvenzjoni mportanti, li l-Ġnus Magħquda riedet li jkollha l-ikbar qbil possibbli.

Fil-fatt, kienu ħadu sehem fil-laqgħat tal-Konferenza, Stati u territorji oħra bħala osservaturi[33], movimenti ta' liberazzjoni[34], aġenziji soċjali u organizzazzjonijiet oħra[35], organizzazzjonijiet intergovernmentali[36], żewġ kategoriji ta'

[30] High Seas Convention; Fishing and Conservation of the Living Resources of the High Seas Convention; Continental Shelf Convention; The Territorial Sea and Contiguous Zone Convention

[31] Common Heritage of Mankind

[32] Final Act

[33] Cook Islands (third and tenth sessions); Netherlands Antilles Third to resumed seventh sessions, resumed eight session, ninth and eleventh sessions); Papua New Guinea, Seychelles (fifth session); Suriname (third session); Trust Territory of the Pacific Islands (third to eleventh sessions).

[34] African National Congress (South Africa); African National Congress (Zimbabwe); African Party for the Independence of Guinea and Cape Verde Islands (PAIGC); Palestine Liberation Organization; Pan Africanist Congress of Azania (South Africa); Patriotic Front (Zimbabwe); Seychelles People's United Party (SPUP); South West Africa People's Organization (SWAPO)

[35] International Labour Organisation (ILO); Food and Agricultural Organisation of the United Nations (FAO); Unioted Antions Educational; Scientific and Cultural Organization (UNESCO); Intergovernmental Oceanographic Commission (IOC); International Civil Aviation Organization (ICAO); World Health Organization (WHO); World Bank; International Telecommunication Unuion

organizzazzjonijiet mhux governmentali maqsuma f'żewġ kategoriji, l-ewwel[37] u t-tieni[38] kategorija, kif ukoll organizzazzjonijiet oħra[39] li kienu ħadu sehem fuq roster.

Il-fatt li l-Komunita' Ewropea, issa Unjoni Ewropea, kienet ħadet sehem u ffirmat l-Att Aħħari jrid jittieħed minn żewġ aspetti differenti.

Mill-aspett tal-Ġnus Magħquda, il-fatt li l-Komunita' Ewropea ħadet sehem jista' jitqies li kienet ħadet sehem bħal ma kienu ħadu sehem għaqdiet oħra. Xejn inqas u xejn iżjed.

Mill-aspett tal-Komunita' Ewropea, is-sehem tagħha juri mhux biss żvilupp fil-mixja lejn Stat Federali, imma juri biċ-ċar li kienet qed tfittex rikonoxximent internazzjonali biex tieħu post l-Istati Membri tagħha.

Għalkemm dak iż-żmien kienet għadha ma waslitx għal-kollox sa dak l-iżvilupp, jiġifieri li tieħu post l-Istati Membri tagħha, l-għanijiet tagħha huma mill-aktar ċari.

Ir-riżultat tal-konsultazzjoni wiesha li kienet għamlet il-Ġnus Magħquda ta r-riżultat tiegħu meta wieħed jara l-lista tal-pajjiżi[40] li kienu ffirmaw il-Konvenzjoni fuq il-Liġi

---

(ITU); World Meteorological Organization (WMO); International Maritime Organization (IMO); World Inteectual Property Organization (WIPO); International Atomic Property Organization (IAEA)

[36] Andes Development Corporation; Asian-African Legal Consultative Committee; Commonwealth Secretariat; Council of Arab Economic Unity; Council of Europe; European Communities; Inter-American Development bank; International Hydrographic Bureau; International Oil Pollution Compensation Fund; League of Arab States; Organization of African Unity; Organization of American States; Organization of Arab Petroleum Exporting Countries; Organization of the Islamic Conference; Organization for Co-operation and Development; Organization of petroleum Exporting Countries; Permanent Commission for the South Pacific; Saudi-Sudanese Red Sea Joint Commission; West African Economic Community

[37] International Chamber of Comerce; International Confederation of Free Trade Unions; International Co-operative Alliance; International Council of Voluntary Agencies; International Council of Women; International Youth nad Student Movement for the United Nations; United Towns Organization; World Confederation of Labour; World Federation of United Nations Association; World Muslim Congress

[38] Arab Lawyers Union; Baha'i International Community, Baptist World Alliance; Carnegie Endowment for international Peace; Commission of the Churches on International Affairs; Foundation for the Peoples of the South Pacific, Inc., The; Friends World Committee for Consultation; Inter-American Council of Commerce and Production; International Air Transport Association; International Association for Religious Freedom; International Bar Association; International Chamber of Shipping; International Commission of Jurists; International Co-operation for Socio-Economic Development; International Council of Environmental Law; International Council of Scientific Unions; International Federation for Human Rights; International Hotel Association; International Law Association; International Movement for Fraternal Union among Races and Peoples (UFER); International Organization of Consumers' Union; International Union for Conservation of nAture and Natural Resources, Latin American Association of Finance development Institutions (ALIDE); Mutual Assistance of the Latin American Government Oil Companies (ARPEL), Pan American Federation of Engineering Societies (UPADI); Pax Christi, International Catholix Peace Movement; Society for International Development (SID); Women's International League for Peace and Freedom; World Alliance of Young Men's Christian Associations; World Association of World Federalists; World Conference on Religion and Peace; World Peace Through Law Centre; World Young Women's Christian Association

[39] Asian Environmental Society; Centre for Inter-American Relations; Commission to Study the Organization of Peace; Foresta Institute for Ocean and Mountain Studies; Friends of the Earth (F.O.E); International Institute for Environment and Development; Iternational Ocean Institute; International Studies Association; National Audubon Society; Population Institute; Sierra Club; United Seamen's Service; World Federation of Scientific Workers; World Society of Ekistics

tal-Baħar, kif ukoll pajjiżi oħra li barra l-Konvenzjoni kienu ffirmaw ukoll l-Att Aħħari[41] tal-Konferenza. Kien hemm ukoll Stati u territorji oħra osservaturi[42], organizzazzjonijiet intergovernattivi[43], u movimenti ta' liberazzjoni[44].

[40] Algeria, Angola, Australia, Austria, Bahamas, Bahrein, Bangladesh, Barbados, Belize, Bhutan, Brazil, Bulgaria, Burma, Burundi, Byelorussian SSR, Canada, Cape Verde, Chad, Chile, China, Colombia, Congo, Cook Islands, Costa Rica, Cuba, Cyprus, Czechoslovakia, Democratic People's Republic of Korea, Democratic Yemen, Denmark, Djibouti, Dominican Republic, Egypt, Ethippia, Fiji, Finland, France, Gabon, Gambia, German Democratic Republic, Ghana, Greece, Grenada, Guinea-Bissau, Guyana, Haiti, Honduras, Hungary, Iceland, India, Indonesia, Iran, Iraq, Ireland, Ivory Coast, Jamaica, Kenya, Kuwait, Lao People's Democratic Republic, Lesotho, Liberia, Malaysia, Maldives, Malta, Mauritania, Mauritius, Mexico, Monaco, Mongolia, Morocco, Mozambique, Namibia (United Nations Council for Namibia), Nauru, Nepal, Netherlands, New Zealand, Niger, Nigeria, Norway, Pakistan, Panama, Papua New Guinea, Paraguay, Philippines, Poland, Portugal, Romania, Rwanda, Saint Lucia, Saint Vincent and the Grenadines, Senegal, Seychelles, Sierra Leone, Singapore, Solomon Islands, Somalia, Sri Lanka, Sudan, Suriname, Sweden, Thailand, Togo, Trinidad and Tobago, Tunisia, Tuvalu, Uganda, Ukrainian SSR, USSR, United Arab Emirates, United Republic of Cameroon, United Republic of Tanzania, Upper Volta, Uruguay, Vanuatu, Viet Nam, Yenem, Yugoslavia, Zambia, Zimbabwe

[41] Flimkien ma dawk imsemmija, dawn iffirmaw ukoll l-Att AÓÓari – Belgju, Benin, Botswana, Ekwador, Guinea Ekwatorjali, Republika Federali tal-Germany, il-Vatikan, Israel, l-Italja, Il-íappunJ, il-íordan, il-íemaÓarija æarbija Libjana, il-Lussemburug, Oman, Peru, ir-Republika tal-Korea, Samoa, Spanja, l-Isvizzera, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja and l-Irlanda tat-Tramuntana, Stati Uniti ta' l-Amerika, Venezuela, Zaire

[42] Netherlands Antilles, Trust Territory of Pacific Islands

[43] European Economic Community

[44] African National Congress of South Africa, Palestine Liberation Organization, Pan African Congress of Anzania, South West Africa People's Organiztion

## Is-Sena 1983

Is-sena 1983 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Ġermanja. Fis-7 ta' Frar, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill Ewropew Karta fuq l-iffinanzjar tal-Komunita'[45] li kien imiss.

## Il-Kwistjoni tal-Parlament Ewropew

Fl-10 tax-xahar, il-Qorti tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, kienet ċaħdet it-talba tal-Gvern tal-Lussemburgu biex tannulla riżoluzzjoni tal-Parlament dwar il-post tax-xogħol tiegħu.

Kienu saru diversi kawżi fuq il-kwistjoni dwar fejn kellu jkun il-Parlament ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex kullħadd jipprova jħares l-interessi tiegħu[46].

Il-Parlament Ewropew jiltaqa' fi Strasbourg, fi Franza, imma jżomm xi sessjonijiet tiegħu kif ukoll il-laqgħat tal-Kumitati ġewwa Brussell, fil-Belġju, waqt li s-segretarjat jinsab fil-Lussemburgu[47].

M'hemmx għalfejn ngħidu kemm dan it-tixrid joħloq tfixkil u spejjeż, u minkejja li l-Parlament kif rajna kien ipprova jirranġa l-affarijiet billi jieħu l-istaff tiegħu mill-Lussemburgu, kien hemm diversi każi kontrih flimkien ma dawk li diġa' semmejt[48].

Tajjeb li wieħed ikun jaf ukoll li l-Kummissjoni[49] u l-Kunsill[50] għandhom l-Uffiċċji tagħhom ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Biex jiġi kkumpensat il-Lussemburgu, xi laqgħat tal-Kunsill isiru hemmhekk. Xi attivitajiet oħra jitmexxew ukoll mill-Lussembrugu waqt li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea jiltaqa' wkoll fil-Lussemburgu.

Il-Qrati jiltaqgħu fil-Lussemburgu[51], il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jiltaqa' ġewwa Brussell[52], il-Qorti ta' l-Awdituri jiltaqa' fil-Lussemburgu[53], waqt li l-Bank ta' Investiment Ewropew jiltaqa' wkoll fil-Lussemburgu[54].

---

[45] Green Paper on the forthcoming financing of the Community
[46] Luxembourg v European Parliament Case C230/81 [1983] ECR 255; u aktar tard, France v European Parliament Cases C358/85, 51/86, [1988] ECR 4821
[47] Artiklu 1 (a) "The European Parliament shall have its seat in Strasbourg where the 12 periods of monthly plenary sessions, including the budget session, shall be held. The periods of additional plenary sessions shall be held in Brussels. The committees of the European Parliament shall meet in Brussels. The General Secretariat of the European Parliament and its departments shall remain in Luxembourg"
[48] Luxembourg v European Parlament Case C108/83 [1984] ECR 1945; C213/88, C39/89 [1991] ECR I-5634
[49] Ar1tiklu 1 (c) "The Commission shall have its seat in Brussels. The departments listed in Articles 7, 8 and 9 of the Decision of 8 April 1965 shall be established in Luxembourg"
[50] Artiklu 1 (b) "The Council shall have its seat in Brussels. During the months of April, June and October, the Council shall hold its meetings in Luxembourg"
[51] Artiklu 1 (d) "The Court of Justice and the Court of First Instance shall have their seats in Luxembourg"
[52] Artiklu 1 (e) "The Economic and Social Committee shall have its seat in Brussels"
[53] Artiklu 1 (f) "The Court of Auditors shall have its seat in Luxembourg"
[54] Artiklu 1 (g) "The European Investment Bank shall have its seat in Luxembourg"

L-arranġamenti fejn jiltaqgħu l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea kienu minn dejjem temporanji sakemm kienet ittieħdet deċiżjoni fit-12 ta' Diċembru 1992, li kienet ittieħdet mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri waqt il-Laqgħa Għolja ta' Edinburgh fejn il-postijiet saru permanenti.

Aktar tard kien ukoll ġie deċiż fejn kellhom ikunu istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea, imma l-fatti juru li l-istituzzjonijiet il-kbar kollha qegħdin fi Franza, il-Lussemburgu, il-Belġju u anki l-Ġermanja, li juru wkoll li l-Ġermanja u Franza huma l-pajjiżi li verament imexxu lill-Unjoni Ewropea jew jaraw li din titmexxa skond l-interessi tagħhom.

## Aktar Żviluppi

Din is-sena kien hemm żewġ elezzjonijiet fl-Istati Membri tal-Komunita', waħda fis-6 ta' Marzu, kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, u l-oħra fl-Italja, fejn l-elezzjonijiet leġislattivi kienu nżammu fis-26 ta' Ġunju.

## Kunsill Ewropew ġewwa Brussell

Waqt li bejn il-21 u t-22 ta' Marzu, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Il-Kunsill ikkonferma l-oġġettivi prijoritarji magħmula mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen fl-1982, jiġifieri l-oġġettivi prijoritarji magħmula għall-oqsma ekonomiċi u soċjali u l-impenn politiku tiegħu favur it-tkabbir.

## Nuqqas ta' Xogħol

Bejn is-27 u t-28 ta' April, kienet saret sessjoni speċjali tal-Parlament Ewropew li kienet iddedikata għan-nuqqas ta' xogħol. Din is-sessjoni kienet inżammet ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Il-fatt li l-Parlament Ewropew kellu jżomm din is-sessjoni speċjali juri kemm il-problema tal-qagħad fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kienet minn dejjem, u minkejja l-laqgħat, riżoluzzjonijiet u pattijiet, s'issa għadhom qatt ma solvewha bil-miljuni kbar ta' haddiema bla xogħol li hemm f'kull Stat Membru.

Bil-politika ħażina ta' l-Unjoni Ewropea ta' suq wieħed f'kollox, bit-tifrik tal-ħaddiema minn ħaddiema oħra li jkunu lesti jaċċettaw pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol inqas milli jkollhom ħaddiema fl-Istat Membru li jmorru fih, u bl-indottrinazzjoni taż-żgħażagħ favur il-federaliżmu ta' l-Unjoni Ewropea mhux se jirnexxilek tħoll il-problema tal-qagħad.

## Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent

Bejn it-28 u l-31 ta' Mejju, kienet inżammet Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent[55] ġewwa Williamsburg, fl-Istati Uniti[56]. Din il-Laqgħa kienet ħarġet dikjarazzjoni fuq il-qawmien ekonomiku mill-ġdid[57] u rapport li kien jiddefinixxi s-suġġett ta'

[55] Western Economic Summit
[56] USA
[57] Economic revival

konsultazzjonjiet futuri bejn il-ministri tal-finanzi u t-tisħih tal-kooperazzjoni għat-tkabbir u l-istabbilita'[58].

Wieħed irid jiftakar li anki fil-bidu tas-snin tmenin id-dinja kienet għadha ma rkupratx mir-riċessjoni li kien hemm wara li kien għola ż-żejt fis-snin sebgħin, anzi kien hemm ukoll ricessjoni, u għaldaqstant, kien meħtieġ li jkun hemm aktar kooperazzjoni internazzjonali ħalli l-ekonomija dinjija tikber u jkun hemm aktar stabbilita' fl-ekonomija ta' kull pajjiż.

## Laqgħa fuq l-Impjiegi u Edukazzjoni

Fit-3 ta' Ġunju kienet saret l-ewwel laqgħa flimkien bejn il-Ministri għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali[59] u l-Ministri għall-Edukazzjoni.

Wieħed jista' jara kif kien hemm nuqqas kbir ta' xogħol fil-Komunita', issa fl-Unjoni Ewropea, kemm mil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li kienet inżammet bejn il-21 u t-22 ta' Marzu, kemm bil-laqgħa speċjali tal-Parlament Ewropew ta' bejn is-27 u t-28 ta' April, kif ukoll minn din il-laqgħa fejn mal-Ministri għall-Impjieg u Affarijiet Soċjali kienu ltaqgħu wkoll il-Ministri għall-Edukazzjoni.

Wieħed irid jifttakar li n-nuqqas ta' xogħol ma jfissirx biss lil l-ħaddiema ma jkunux jaħdmu u jkun hemm inqas dħul ta' flus barranin fil-pajjiż, imma ma dan iridu jiżdiedu n-nuqqas fil-ħlasijiet tat-taxxi lill-Gvern minħabba li l-ħaddiema ma jkunux qed jaqilgħu flus bħal meta jkunu jaħdmu kif ukoll l-ispejjeż ta' l-għajnuna għal min ikun bla xogħol li jkomplu jitfgħu piżijiet fuq is-sistema soċjali

Kien għal dawn ir-raġunijiet li dawn il-Ministri riedu jaħdmu flimkien biex jipruvaw iħollu l-problema tal-qagħad fil-futur billi, fost affarijiet oħra, l-edukazzjoni tkun żviluppata fuq il-ħtiġijiet ta' l-industrija moderna u fuq l-aħħar żviluppi tekniċi.

Dan għandu jkun ta' eżempju biex l-edukazzjoni tagħna tiġi żviluppata fuq l-aktar linji moderni u fuq l-aħħar żviluppi, għaliex ikun għalxejn li tibqa' fuq sistema antika li ma tiżviluppax it-talenti ta' l-istudenti li jkunu l-ħaddiema ta' għada, fuq il-ħtiġijiet ta' l-industriji u tad-dinja moderna, speċjalment fl-iżviluppi kbar li jsiru minn jum għal jum fl-industrija ta' l-elettronika.

## Dikjarazzjoni Solenni fuq l-Unjoni Ewropea

Bejn is-17 u d-19 ta' Ġunju, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Stuttgart, fil-íermanja. Il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern u l-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin iffirmaw Dikjarazzjoni Solenni fuq l-Unjoni Ewropea.

Din ma kien xejn ħlief dikjarazzjoni li l-mexxejja riedu jkomplu jimxu lejn għaqda li kellha tkun Stat Federali Ewropew bl-isem ta' Unjoni Ewropea kif kien maħsub mill-federalisti internazzjonali.

[58] Growth and stability
[59] Ministers for Employment and Social Affairs

**Żviluppi Oħra**

Fit-28 ta' Ġunju kienet saret ċerimonja tal-ftuh għall-pubbliku ta' l-arkivji storiċi ta' l-Awtorita' Għolja tal-KEFA ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand il-Greċja, waqt li fil-25 tax-xahar, il-Kunsill adotta riżoluzzjoni fuq il-programmi ta' qafas għar-riċerka Komunitarja, attivitajiet ta' żvilupp u dimostrazzjoni, u l-ewwel program qafas għas-snin 1984-1987[60].

**Spinelli Jippreżenta l-Abbozz tat-Trattat**

Fl-14 ta' Settembru, id-Deputat tal-Parlament Ewropew Altiero Spinelli li huwa meqjus bħala l-parrinu ta' l-Unjoni Ewropea, kien ippreżenta abbozz ta' Trattat lill-Parlament Ewropew biex titwaqqaf l-Unjoni Ewropea.

Wieħed irid jiftakar li fl-ewwel kapitlu rajna kif Spinelli flimkien ma' federalisti oħra li kienu jinsabu fuq il-gżira ħabs ta' Ventotene kienu ħasbu bis-sħiħ fuq it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew għal wara l-gwerra, u kif flimkien, imma l-aktar Spinelli, kienu kitbu l-Manifest ta' Ventotene.

Għaldaqstant, il-ħidma tagħhom wara l-gwerra biex iwaqqfu dak li kienu ħolmu bih kienet qed isseħħ bil-mod il-mod bl-iżviluppi fil-Komunitajiet Ewropej fi Stat Federali bħala Unjoni Ewropea.

Mhux ta' b'xejn li minħabba l-ħidma tiegħu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, Spinelli huwa magħruf bħala l-parrinu ta' l-Unjoni Ewropea.

**Edukazzjoni**

Fid-19 ta' Settembru, il-Kunsill u l-Ministri ta' l-Edukazzjoni addottaw riżoluzzjoni fuq il-miżuri relattivi għad-dħul ta' teknoloġiji ġodda ta' nformazzjoni fl-edukazzjoni.

Huwa ċar li din ir-riżoluzzjoni kienet bħala riżultat tal-laqgħa li kienet saret fit-3 ta' Ġunju bejn il-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Ministri ta' l-Edukazzjoni, u kienet pass biex l-edukazzjoni tibda tiġi modernizzata fuq il-ħtiġijiet tad-dinja moderna tax-xogħol.

**Kunsill Ewropew**

Bejn l-4 u s-6 ta' Diċembru kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Ateni, fil-Greċja, fejn ġew ippreżentati xi għażliet għall-iffinanzjar li kien imiss tal-Kummissjoni, fuq l-iżbilanċi ta' l-estimi[61], fuq l-addozzjoni tal-Politika Agrikola Komuni[62], fuq it-tisħiħ tal-fondi strutturali[63] u fuq l-iżvilupp ta' oqsma ġodda tal-politika tal-Komunita'[64].

---

[60] Framework programmes for Community research, development and demonstration activities and the first framework programme for 1984/87.
[61] Budgetary unbalances
[62] Politika Agrikola Komuni PAK – Common Agricultural Policy CAP
[63] Strengthening of the Structural Funds
[64] New Community policies

Fl-14 ta’ Diċembru, il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta’ l-Unjoni Ewropea, laħaq qbil fuq il-Politika tas-Sajd Komuni[65].

Għalkemm il-Politika dwar is-sajd kienet ilha tiġi regolata mill-Kummissjoni u mill-Komunita’ sa mill-bidu tas-snin sebgħin[66] b’diversi regolamenti[67], huwa meqjus li din kienet ġiet varata uffiċjalment minn din is-sena.

Fil-fatt, barra r-regolamenti li kienu ħarġu, jekk wieħed jiftakar, konna rajna kif fl-1976 il-Komunita’ kienet ordnat lill-Istati Membri biex ikabbru l-ibħra tas-sajd fil-baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku, liema tkabbir kien daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1977, qabel ma kienet ġiet iffirmata l-Konvenzjoni fuq il-liġi tal-Baħar tal-Ġnus Magħquda.

Dawn iż-żewġ laqgħat tal-Kunsilli jkomplu juru kif l-istituzzjonijiet u l-Komunita’ Ewropea komplew jifirxu aktar l-għanqbuta tagħhom ħalli l-oqsma kollha jkunu regolati mill-istituzzjonijiet tal-Komunita’, issa l-Unjoni Ewropea, u mhux aktar mill-Istati Membri, eżatt kif isir fi Stat Federali.

## Ftehim ieħor ta’ Kooperazzjoni Ekonomika

Fis-17 tax-xahar, kien ġie ffirmat ftehim ta’ Kooperazzjoni Ekonomika bejn il-Komunita’ u l-pajjiżi tal-Patt Andean[68], liema ftehim kien ġie ffirmat ġewwa Kartaġena[69], fil-Kolumbja.

Ftehim ieħor fil-sensiela ta’ ftehim li kienet għamlet il-Komunita’, issa l-Unjoni Ewropea, ma’ Stati u organizzazzjonijiet ta’ Stati oħra biex ikabbru l-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejniethom bla ma dawk l-Istati jsiru membri ta’ l-Unjoni Ewropea.

## Direttiva tal-Kunsill 84/5/EEC[70]

Għalkemm min-numru ta’ din id-Direttiva wieħed jista’ jieħu l-impressjoni li din ħarġet fl-1984, fil-fatt din ħarġet fit-30 ta’ Diċembru 1983.

Din id-Direttiva kienet dwar it-tqarrib tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri dwar l-assigurazzjoni għar-risponsabbilta’ ċivili minħabba l-użu ta’ vetturi bil-mutur, u dwar l-inqas affarijiet li għandha tkopri polza ta’ assigurazzjoni ta’ vetturi bil-mutur fejn kull Stat Membru ried jemenda l-liġijiet tiegħu biex ikunu jaqblu mad-Direttiva, bħal ma jkollhom jagħmlu ma kull Direttiva li toħroġ.

Anki din id-Direttiva tkompli turi kemm l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha jindaħlu f’kull qasam immaġinabbli u kif l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jibqgħu

---

[65] Politika tas-Sajd Komuni PSK – Common Fisheries Policy CFP
[66] Council Regulation (EEC) No 100/76 of 19 January 1976 on the common organization of the market in fishery products Official Journal L 020, 28/01/1976 p. 0001 - 0018
[67] Council Regulation (EEC) No 101/76 of 19 January 1976 laying down a common structural policy for the fishing industry Official Journal L 020, 28/01/1976 p. 0019 - 0022
[68] Andean Pact
[69] Cartagena
[70] Second Council Directive 84/5/EEC 30.12.1983 OJL 008 11.01.1984 p0017-0020

jagħmlu dak li jkun fl-interess tagħhom, imma jkollhom jobdu bilfors dak li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha.

## Is-Sena 1984

Fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand Franza, waqt li fl-10 tax-xahar saru l-elezzjonijiet leġislattivi fid-Danimarka.

### Approvat it-Trattat ta' Spinelli

Fl-14 ta' Frar, l-abbozz tat-Trattat dwar it-twaqqif ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-abbozz ta' Spinelli, kien mgħoddi mill-Parlament Ewropew b'maġġoranza kbira.

Wieħed ma jiskantax li dan l-abbozz jgħaddi mill-Parlament Ewropew b'maġġoranza kbira, u dan għal diversi raġunijiet.

L-ewwel nett għaliex wara dawk is-snin kollha ta' indottrinazzjoni fina favur Stat Federali u t-teħid ta' drittijiet mill-istituzzjonijiet tal-Komunita' Ewropea mingħand l-Istati Membri kienet qed tħalli l-frott tagħha.

It-tieni, għaliex jekk wieħed jara kemm għandhom voti l-Ġermanja, Franza, l-Italja u l-Belġju, li huma fost l-ewwel Stati tal-Komunitajiet u li l-aktar li ħadmu favur Stat Federali, ma setgħax ikun li l-abozz ma jġibx numru kbir ta' voti.

B'dan il-vot tal-Parlament Ewropew, Spinelli kien qiegħed jara l-ħolma tiegħu u ta' sħabu l-federalisti internazzjonali u l-pjani li kienu għamlu matul u wara t-tieni gwerra flimkien ma dak li kienu ppjanaw u kitbu fuqu federalisti oħra qabilhom biex joħolqu l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bhala Stat Federali Ewropew bl-isem ta' Unjoni Ewropea mhux biss jibdew iseħħu, imma jibdew jieħdu rankatura 'l quddiem.

### Strateġija Ewropea

Fit-28 ta Frar, il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, addotta deċiżjoni fuq programm ta' strateġija Ewropew għar-Riċerka u Żvilupp fit-teknoloġija ta' l-informazzjoni[71].

Dan kien ifisser li settur ieħor kien beda jiġi ppjanat minn istituzzjoni tal-Komunita' minflok mill-Istati Membri individwali.

Fit-12 ta' Marzu, il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, iffirma ftehim fuq ir-relazzjonijiet futuri bejn Greenland u l-Komunita'.

### Nuqqas ta' Qbil fil-Kunsill Ewropew

Bejn id-19 u l-20 ta' Marzu, kien ġie miżmum Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju.

F'dan il-Kunsill kien intlaħaq ftehim fuq diversi oqsma. Madankollu, il-maġġoranza kbira ma setgħux jiġu finalizzati minħabba nuqqas ta' qbil fuq il-kalkulazzjoni u l-ammont ta' kumpens li kellu jingħata r-Renju Unit biex titnaqqas il-kontribuzzjoni tiegħu lejn l-estimi tal-Komunita'.

---

[71] Esprit

Minn dan il-fatt naraw kemm kienet kbira d-determinazzjoni tal-mexxejja tar-Renju Unit li jingħataw lura kumpens għal dak li kienu jqisu li kien imħallas żejjed mir-Renju Unit lill-Komunitajiet Ewropej.

Dan huwa kontra dak li qiegħed jagħmel il-Gvern Nazzjonalista li qiegħed jaċċetta kollox li jigu ordnat lilu mill-Unjoni Ewropea u minkejja li kien wiegħed lill-poplu Malti li kellhom jigu mitt miljun lira fis-sena mill-Unjoni Ewropea.

**Kif jaf kullħadd, il-mijiet ta' miljuni ġew biss mit-taxxi taċ-ċittadini Maltin u Ghawdxin li l-Gvern Nazzjonalista waħħlilhom fuq daharhom u żvujtalhom bwiethom.**

Fid-9 ta' April, saret l-inawgurazzjoni tal-programm flimkien Ewropew[72] ġewwa Culham, fir-Renju Unit, fil-qasam ta' riċerka fuq l-użu paċifiku ta' l-enerġija atomika.

## Jitnaqqas it-Tfittix fuq il-Fruntieri

Fis-7 ta' Ġunju, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri addottaw riżoluzzjoni fuq it-tnaqqis ta' tfittix fuq il-persuni fuq il-fruntieri[73]. Dan kien ifisser li t-tiftix li kien isir persuni li jkunu qed jaqsmu minn Stat Membru għall-ieħor kellu jibda jonqos sakemm fl-aħħar jispiċċa fix-xejn.

Dan wassal biex il-kriminalita', speċjalment it-tixrid tad-drogi fl-Istati Membri splodew 'il fuq, għaliex sar aktar faċli li l-kriminali jmorru minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qiegħed ikun ikkonfermat kemm il-kriminalita' u d-drogi żdiedu bil-kbir bil-ftuħ tal-fruntieri bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

## Laqgħa Għolja u Elezzjonijiet

Bejn is-7 u d-9 ta' Ġunju kienet inżammet Laqgħa Għolja ġewwa Londra, fir-Renju Unit, fejn is-7 Kapijiet ta' Stat jew Gvern u r-rappreżentanti tal-Komunita' ħarġu dikjarazzjoni fuq il-miżuri li riedu jittieħdu biex jikkonsolidaw, jiġifieri jsaħħu, il-qawmien ekonomiku li qalu li kien qiegħed jidher[74].

Bejn l-14 u s-17 tax-xahar, kienu saru t-tieni elezzjonijiet diretti għall-Parlament Ewropew. Fis-17 tax-xahar saru l-elezzjonijiet leġislattivi fil-Lussemburgu, waqt li fid-19 tax-xahar il-Kunsill addotta Regolament fuq ir-riforma tal-Fond Reġjonali.

## Il-Kunsill Ewropew ta' Fontainbleu

Bejn il-25 u s-26 ta' Ġunju, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Fontainbleu, fi Franza, fejn kien intlaħaq ftehim fuq l-ammont ta' kumpens li kellu jingħatat r-Renju Unit biex titnaqqas il-kontribuzzjoni tiegħu għall-estimi tal-Komunita'.

---

[72] Joint European Torus JET
[73] Border checks on people
[74] Perceptible economic revival

Dan juri li meta' wieħed jiġġieled għad-drittijiet tiegħu, iżomm sod u ma jċedix, jieħu ħafna aktar milli meta joqgħod jgħid li dik hija l-unika triq li jkollu, kif għamel il-Gvern Nazzjonalista biex jiġġustifika t-talba tiegħu għas-sħubija.

**Karta Oħra u Żviluppi Oħra**

Fit-28 ta' Ġunju il-Kummissjoni bagħtet Karta[75] lill-Kunsill Ewropew fuq l-iżvilupp tas-suq komuni għas-servizzi u l-apparat tat-telekomunikazzjoni.

Wieħed jara li l-Kummissjoni riedet tibda tindaħal ukoll f'dan il-qasam biex ma jibqax aktar regolat mill-Istati Membri, imma bil-mod il-mod jibda jiġi regolat minnha.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand l-Irlanda, waqt li fit-13 tax-xahar kien ġie ffirmat Ftehim bejn Franza u l-Ġermanja fuq it-tneħħija bil-mod tat-tfittxijiet fuq il-fruntieri, liema ftehim kien iffirmat ġewwa Saarbruken[76], fil-Ġermanja.

Anki minn dan il-ftehim wieħed jara min huma dawk l-Istati Membri li jieħdu l-ewwel passi fl-interess tagħhom u l-Unjoni Ewropea waqt li l-kumplament ta' l-Istati Membri jkollhom jimxu warajhom.

Fl-24 tax-xahar, Pierre Pfimlin ġie elett bħala President tal-Parlament Ewropew.

**Il-Każ Klopp**

Il-Każ Klopp[77] kien dwar Avukat Ġermaniż, Onno Klopp, li kien jipprattika ġewwa Dusseldorff, fil-Ġermanja u ried jipprattika wkoll ġewwa Pariġi, fi Franza.

Il-Kamra ta' l-Avukati ta' Pariġi ma laqgħetx l-applikazzjoni tiegħu minħabba li Artiklu 83 tad-Digriet 72-468 u tar-Regoli tagħhom ma kinux iħallu li Avukat jipprattika f'aktar minn post wieħed.

Klopp appella quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża, imma minħabba li l-każ kien dwar dritt mogħti mil-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, il-każ intbagħat quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li qalet li Stat Membru ma setgħax ma jħallix Avukat jidħol u jipprattika fil-professjoni ta' Avukat minħabba li kien jipprattika wkoll fi Stat Membru ieħor.

Dan fi professjoni ta' Avukat, aħseb u ara fi professjonijiet oħra u f'xogħolijiet oħra kemm aktar ma tistax iżżomm ċittadin minn kull Stat Membru li jiġi jaħdem hawn Malta jekk Alla ħares qatt inbiegħu l-ħelsien tagħna u nsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea.

---

[75] Green paper on the development of the common market for telecommunications services and equipment

[76] Saarbrucken

[77] Ordre des Avocats au Barreau de Paris v Rechtsanwalt Onno Klopp, C107/83 12.07.1984 ECR 1984 p2971

## Ftehim maċ-Ċina

Fis-26 ta' Settembru kien iffirmat ftehim ta' kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn iċ-Ċina u l-Komunita' Ewropea.

Anki dan il-ftehim ma' pajjiż daqstant il-bogħod juri li fejn jidħlu l-interessi kummerċjali u ekonomiċi m'hemmx bogħod u viċin, u m'hemmx għax wieħed ikollu ideoloġija politika mod u ieħor ikollu ideoloġija politika oħra, imma la jkun jaqbel għall-partijiet li jkunu ffirmaw dak il-ftehim kollox jista' jsir.

Wieħed irid iqis ukoll kemm il-pajjiżi tal-Komunita' jħobbu jattakkaw liċ-Ċina li ma tirrispettax id-drittijiet tal-bniedem.

Madankollu, dan il-ftehim juri ċar daqs il-kristall li fejn jidħlu l-flus, ma jimpurtax li l-pajjiż l-ieħor ikun, skond l-istess Stati Membri, qiegħed ikasbar id-drittijiet tal-bniedem. L-aqwa li l-kummerċ jikber u l-flus fil-bwiet tal-kummerċjanti jiżdiedu.

Qed taraw kif għall-Unjoni Ewropea, il-prinċipju tal-valur tal-flus huwa aqwa mill-valur tal-prinċipji u drittijiet fundamentali tal-bniedem?

Biex tkompli l-kullana ta' ftehim, fid-9 ta' Ottubru kien iffirmat ftehim ta' kooperazzjoni ieħor bejn ir-Repubblika tal-Jemen, **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** u l-Komunita' Ewropea ġewwa Brussell, fil-Belġju.

## Żviluppi Oħra

Fit-18 ta' Ottubru kien ġie elett Marcel Mart bħala President tal-Qorti ta' l-Awdituri. Fit-8 ta' Novembru, il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, kien iddeċieda li jgħaġġel it-tnaqqis tat-tariffi maħsuba min-negozjati kummerċjali multilaterali[78].

## Il-Kontijiet Imħarbta tal-Kummissjoni

Fl-14 tax-xahar, il-Parlament irrifjuta għall-ewwel darba li japprova l-estimi tal-Komunita' għall-1982.

Tajjeb li jiġi nnutat li kontra kull prattika normali, il-Kummissjoni l-ewwel tonfoq, imbagħad titlob li dak li tkun nefqet jiġi approvat. Kif jista' jkun li b'dan il-mod jinżamm kontroll effettiv fuq l-infieq tagħha?

Hawnhekk tajjeb li jingħad li mill-1994 sal-lum il-Qorti ta' l-Awdituri qatt ma approva il-kontjiet u l-infieq tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea[79] minħabba t-

[78] Tokyo Round

[79] **Quotes from the Court of Auditors' report: Concerning the reliability of the accounts**: 9.6. "Since the first Statement of Assurance (DAS) in respect of the financial year 1994, the Court has repeated its reservations in respect of the reliability of the accounts. These reservations most often have their roots in the weaknesses of the accounting system and in the low level of awareness in the Commission's operational DGs with regard to questions concerning records and accounting controls. The reservations contained in the Director-General of Budgets' declaration confirm the Court's findings, but nevertheless no precise plan of action accompanied by a realistic timetable has been proposed to remedy the situation"

tħarbit u n-nuqqas ta' kontijiet serji[80], ta' ricevuti u suspetti ta' abbużi, fost affarijiet oħra. Is-siltiet imsemmija huma mir-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri maħruġ din is-sena (2002).

Dawn ġew irrapurtati fuq l-euobserver.com fit-12 ta' Novembru 2002 u jingħad ukoll li 22 mis-36 Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni ma riedux jiffirmaw il-kontijiet tagħhom stess.

Jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, it-taxxi taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin se jibdew imorru biex jintefqu f'dan it-tħarbit li la l-Qorti ta' l-Awdituri u lanqas id-Diretturi Ġenerali stess ma riedu jiffirmaw għalih.

Fil-fatt, jingħad fil-paragrafu 9.6 tar-Rapport li,
**"Sa mill-ewwel Stqarrija ta' Assigurazzjoni dwar is-sena finanzjarja 1994, il-Qorti rrepetiet r-riservi tagħha dwar kemm il-kontijiet huma ta' min joqgħod fuqhom. Il-biċċa l-kbira, dawn ir-riservi kellhom l-għeruq tagħhom fin-nuqqasijiet tas-sistema ta' kontijiet u n-nuqqas ta' għarfien mid-Diretturi Ġenerali operazzjonali tal-Kummissjoni dwar mistoqsijiet fuq il-kontrolli tal-kotba (records) u kontijiet. Ir-riservi magħmula fid-dikjarazzjoni tad-Direttur-Ġenerali ta' l-Estimi jikkonfermaw is-sejbiet tal-Qorti, imma madankollu ebda pjan preċiż ta' azzjoni akkumpanjat ma żmien realistiku ma ġie propost biex jirremedja s-sitwazzjoni."**

Fil-paragrafu 9.7 tar-Rapport jingħad li,
**"Fin nuqqas ta' sistema ta' kontijiet komprensiva, l-istqarrijiet finanzjarji fl-aħħar tas-sena huma magħmula l-aktar fuq is-sisien ta' kotba (records) li ma humiex parti mill-kontijiet.**

**Ma dan, is-sistema ta' kontijiet, li hija msejsa, il-biċċa l-kbira, fuq principji ta' kontjiiet cash, ma tħallix li ssir distinzjoni bejn l-ispejjes amministrattivi u spejjes kapitali, bejn ħlasijiet aħħarija (finali) u ħlasijiet akkont jew avvanzi, jew anki d-dejn kollu u dak li jrid jigi riċevut li jigu determinati."**

Dawn il-kwotazzjonijiet huma meħudha mir-Rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri li tajjeb li nerġa' nfakkar li ilu mis-sena 1994 ma japprova l-kontijiet tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li mhux biss dawk kollha li jitħassbu fejn qed imorru l-mijiet u eluf ta' miljuni miġbura mingħand iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u mberbqa mill-Kumissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kull sena bla ebda kontijiet u kontrolli serji għandhom raġun, imma juru wkoll kif iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ikunu mġielha jħallsu l-miljuni kbar ta' liri biex jitberbqu mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea jekk Alla ħares qatt insiru membri ta' l-Unjoni Ewropea.

---

[80] **Concerning the absence of a proper accounting system:** 9.7. "In the absence of a comprehensive accounting system, the year-end financial statements are drawn up largely on the basis of records which are not part of the accounts.
In addition, the accounting system, which is based, to a large extent, on cash accounting principles, does not enable a distinction to be made between administrative expenditure and capital expenditure, between final payments and payments on account or advances, or even total debts and receivables to be determined"

**Żviluppi Oħra**

Bejn it-3 u l-4 ta' Diċembru kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Dublin, Fl-Irlanda, fejn iddeċieda li jirrinforza s-Sistema Monetarja Ewropea[81] u jagħti lill-ECU[82] rwol aktar importanti.

Fit-8 ta' Diċembru, it-Tielet Konvenzjoni bejn il-pajjiżi AKP u l-KEE ġiet iffirmata mill-10 Stati Membri tal-Komunita' u s-65 sħab ta' l-Istati AKP ħewwa Lome'.

**Direttiva tal-Kunsill 84/641/EEC**

Fl-10 ta' Diċembru, il-Kunsill kien ħareġ Direttiva numru 84/641/EEC[83] biex jemenda, partikolarment l-għajnuna lit-turisti, kif ukoll l-ewwel Direttiva (73/239/EEC) fuq il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi dwar id-dritt li wieħed jaqbad u jagħmel kummerċ fl-assigurazzjoni diretta barra assigurazzjoni fuq il-ħajja.

Din id-Direttiva kellha l-għan li tiffaċilita' li persuni jmorru jaħdmu u kumpaniji ta' l-assigurazzjoni jmorru jiftħu, jaħdmu jew jagħmlu l-kummerċ fl-assigurazzjoni fi Stati Membri oħra.

---

[81] Sistema Monetarja Ewropea SME, European Monetary System EMS
[82] ECU European Currency Unit, Unit of Account, Munita ta' Akkont Ewropea
[83] Council Directive 84/641/EEC 10.12.1984 OJL 339 27.12.1984 p0021-0025

## Is-Sena 1985

Mill-1 ta' Jannar il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand l-Italja, waqt li fis-7 tax-xahar, il-Kummissjoni l-ġdida li kellha bħala President lil Franċiż Jacques Delors bdiet il-ħidma tagħha.

## Il-Passaporti ta' l-Unjoni Ewropea

Fl-1 ta' Jannar, kienu nħarġu l-ewwel passaporti Ewropej fi kważi l-Istati kollha. Dan kien ifisser pass ieħor fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew minħabba li kien l-ewwel pass biex il-passaporti jibdew jinħarġu f'isem l-Unjoni Ewropea.

Aktar 'il quddiem, ikunu l-istituzzjonijiet tagħha jew istituzzjonijiet li għalkemm ikunu ta' l-Istati Membri jkunu qed jaġixxu f'isem u għall-Unjoni Ewropea li joħorġu l-passaporti għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw li għedt ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u mhux ċittadini ta' l-Istati Membri, għaliex għalkemm huma jkollhom ukoll iċ-ċittadinanza ta' l-Istat Membru, din issir sekondarja għaċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, jekk nieħdu l-eżempju ta' Malta jew Għawdex, inti tista' tkun ċittadin Żabbari, Xlukkajr, ta' Għajnsielem jew ta' San Lawrenz, imma li tgħodd għall-passaporti hija ċ-ċittadinanza Maltija.

Biex nieħdu eżempju ieħor, nistgħu naraw li fl-Istati Uniti ta' l-Amerika ma jinħarġux passaporti f'isem l-Istati tagħha, imma f'isem l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Bħala eżempji, Alabama, Texas, u Stati oħra kollha huma Stati ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Madankollu, kull passaport joħroġ f'isem u bl-arma ta' l-Istati Uniti u mhux f'isem u bl-arma ta' xi Stat partikolari. Li tgħodd hija ċ-ċittadinanza ta' l-Istati Uniti ta' Amerikana u mhux ta' xi Stat Membru partikolari.

Dan kien wkoll pass ieħor fejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jkomplu jitilfu d-drittijiet tagħhom skond il-liġi internazzjonali, liema drittijiet teħodhom l-Unjoni Ewropea.

Jekk Stat tneħħilu d-dritt li joħroġ il-passaporti tiegħu jkun ifisser li lanqas ikun jistħoqqlu dritt li jibqa jissejjaħ Stat nazzjon, għax ikun sar bħal Stat ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Jagħmel biss parti minn xi ħaġa akbar minnu.

Fl-1 ta' Frar, Greenland, li kif rajna aktar qabel kienet iddeċiediet li ma tibqax fil-Komunita' Ewropea, kienet telqet minn din il-Komunita', għalkemm baqgħet assoċjata magħha.

## Il-Każ Gravier

Il-każ Gravier kontra l-Belt ta' Liege[84], fil-Belġju, kien ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fit-13 ta' Frar. Dan il-każ kien dwar ħlas ta' miżata li Gravier, li

[84] Gravier v City of Liege C 293/83 1985 ECR 593

kienet studenta Franċiża, kienet intalbet tħallas biex hija tkun tista' tieħu kors fl-Academie Royale des Baeus-Arts ta' Liege, fil-BelĺJu.

Studenti Belġjani ma kinux jintalbu jħallsu, u għaldaqstant, Gravier kienet fetħet kawża kontra l-Belt ta' Liege, fil-Belġju, minħabba li ma riditx tħallas. Il-każ kien ġie riferut lill-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, minħabba li hija qalet li kienet qed issir diskriminazzjoni magħha kontra l-liġi tal-Komunita'.

Il-Qorti tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, qalet li skond il-liġi tal-Komunita' ma setgħetx issir diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalita'.

Għaldaqstant, minħabba li Gravier kienet ċittadina Franċiża u kienet ġiet mitluba tħallas waqt li studenti Belġjani ma kinux jintalbu jħallsu, kienet qed issir diskriminazzjoni magħha kontra l-liġi tal-Komunita', u speċifikament Artiklu 7 tat-Trattat.

## Il-Kummissjoni kontra l-Ġermanja

Dan il-każ[85] qam għaliex il-liġi Ġermaniża kienet tinħtieġ, fost affarijiet oħra, li avukati barranin ma setgħux jaħdmu waħidhom jekk ikollhom xi każ fil-Ġermanja, imma kellhom jaħdmu flimkien ma' avukat Ġermaniż.

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea akkużat lill-Ġermanja li hija kienet naqset mill-obbligi tagħha taħt Artiklu 59 u 60 tat-Trattat ta' Ruma 1957 u d-Direttiva tal-Kunsill 77/249 li jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tal-ħelsien (freedom) ta' l-avukati li jipprovdu servizz.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ikkundannat lill-Ġermanja talli ma kinitx daħħlet sewwa d-Direttiva tal-Kunsill biex tiffaċilita d-dritt ta' l-avukati li jipprovdu servizz fejn iridu mingħajr ebda xkiel u ġiet ordnata tħallas l-ispejjeż.

## Il-Kunsill Jaċċetta lill-Spanja u l-Portugall

Bejn id-29 u t-30 ta' Marzu kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Il-Kunsill kien aċċetta d-dħul ta' Spanja u l-Portugall fil-Komunitajiet u qabel ukoll fuq il-Programmi Integrati tal-Mediterran kif proposti mill-Kummissjoni.

Tajjeb li nfakkar li Spanja u l-Portugall kienu għaddew minn snin twal ta' ħakma dittatorjali faxxista, Spanja taħt Francesco Franco u l-Portugall taħt Antonio Salazar.

Għaldaqstant, huma kienu raw is-sħubija tagħhom bħala mezz biex ma jerġax ikollhom xi kolp ta' Stat, speċjalment mill-forzi armati tagħhom, u jkollhom jerġgħu jgħaddu mill-istess martirju ta' snin twal taħt ħakma dittatorjali faxxista, għax kif jgħidu, minn tnejn ħżiena tagħżel dak li huwa l-inqas ħażin.

[85] Commission of the European Communities v Germany C427/85 ECR 1989 Vol 2 p677

**Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent**

Fis-7 ta' Mejju kienet saret il-11 il-Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent[86], din id-darba ġewwa Bonn, fil-Ġermanja. Il-Kummissjoni ippreżentat żewġ dikjarazzjonijiet, waħda politika fl-okkażjoni ta' l-40 anniversarju tat-tmiem tat-tieni gwerra dinjija, u dikjarazzjoni oħra ekonomika fuq it-tkabbir sostenibbli u l-impjieg.

Anki dan il-fatt li kienet il-Kummissjoni li ppreżentat id-dikjarazzjonijiet juri kif l-istituzzjonijiet tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kienu qed jieħdu post l-Istati Membri tal-Komunita' Ewropea waqt laqgħat internazzjonali.

**Problema ta' Nuqqas ta' Mpjiegi**

Minn waħda mid-dikjarazzjonijiet imsemmija hawn fuq naraw kemm il-problema ta' nuqqas ta' mpjiegi minn dejjem kienet u baqgħet problema mill-kbar fil-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

Dan kollu huwa minħabba l-politika tagħha li kollox huwa meqjus bħala suq wieħed, anki l-qasam tax-xogħol fl-Istati Membri tagħha.

In-nuqqas ta' mpjiegi jiġri minħabba l-moviment ħieles tal-ħaddiema li jkunu lesti jaċċettaw ħlasijiet u kundizzjonijiet ta' xogħol inqas mill-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru li jmorru fih.

B'hekk huma jfarrku dak li jkun irnexxilhom jiksbu l-ħaddiema ta' dak l-Istat li jmorru fih.

Eżempju tajjeb huwa l-Ġermanja, fejn hemm miljuni ta' ħaddiema barranin, il-maġġoranza tagħhom Torok.

Waqt li suppost li huma jitħallsu daqs kemm jitħallsu l-ħaddiema Ġermaniżi, huwa sigriet magħruf li l-pagi tagħhom huma bejn terz u nofs tal-ħaddiema Ġermaniżi.

Huwa dan li jwassal għall-attakki li nisimgħu bihom fil-mezzi tax-xandir fuq ħaddiema barranin fil-Ġermanja.

Waqt li dawn l-attakki huma kundannabbli, wieħed irid jifhem id-dwejjaq li wieħed iħoss meta f'pajjiżu stess jitlef ix-xogħol minħabba li ħaddiema barranin ikunu aċċettaw ħlasijiet u kundizzjonijiet tax-xogħol inqas minn tiegħu.

Tajjeb li nsemmi li f'Ġunju 2002, it-televisjoni tal-BBC kien qal li ħaddiema Pollakki kienu qed imorru jaħdmu f'dik il-parti tal-Ġermanja li qabel kienet il-Ġermanja tal-Lvant.

Ix-xogħol tagħhom huwa li jiġbru l-ispraġ (asparagus), li huwa xogħol ta' tbatija għax ma jistax jiġi mekkanizzat u li l-istaġun tiegħu jdum biss xahrejn.

---

[86] Western Economic Summit

Tant huwa xogħol ta' tbatija li l-ħaddiema Ġermaniżi ma jridux jagħmluh, u dan anki għaliex huwa xogħol ta' xahrejn biss u huwa mħallas inqas mill-benefiċċju tal-qagħad.

Dawn il-ħaddiema Pollakki jitħallsu biss 200 ewro fix-xahar, li jiġu madwar tmenin lira Maltin (Lm80.00). Fi żmien xahrejn ikunu qalgħu 400 ewro.

B'dan ix-xogħol, skond il-BBC, huma jkunu qalgħu daqs kemm kienu jaqilgħu fi tmien (8) snin xogħol ġewwa pajjiżhom.

Taħsbu li jekk dawn jingħataw id-dritt li jiġi jaħdmu hawn Malta b'kundizzjonijiet u paga inqas mill-ħaddiema Maltin u Għawdxin se joqgħodu jaħsbuha darbtejn?

Ir-rapport qal ukoll li lanqas il-bdiewa Ġermaniżi li jħaddmuhom ma jistgħu jtuhom paga aktar, għaliex huma stess jaħdmu daqshom u għaliex huma stess ma jistgħux ilaħħqu ma' l-għoli tal-ħajja bid-dħul miżeru li għandhom. Tinsewx li anki din il-parti tal-Ġermanja tinsab fl-Unjoni Ewropea.

Eżempju ieħor huwa tas-salesgirls fil-Portugall. Dawn jaħdmu mid-disa' neqsin kwart ta' filgħodu sad-disa' ta' filgħaxija kulljum, jiġifieri aktar minn 12-il siegħa, inkluż is-Sibtijiet u l-Ħdud, ma jaħdmux nhar ta' Tnejn, u l-ħlas tagħhom huwa ta' mija u għoxrin lira Maltin (Lm120.00) fix-xahar.

Taħsbu li anki dawn jekk insiru membri ta' l-Unjoni Ewropea u jkollhom dritt li jiġu jaħdmu hawn Malta ma jaħtfux l-okkażjoni u jiġu jiġru jieħdu xogħol u ħobż il-ħaddiema Maltin u Għawdxin u l-familji tagħhom?

**Dan huwa l-futur li qed joffru l-Gvern Nazzjonalista u l-Unjoni Ewropea lill-ħaddiema Maltin u Għawdxin u lil dawk il-ħaddiema kollha ta' l-Istati Membri li jridu jidħlu fiha.**

## Il-Kummissjoni kontra l-Kunsill

Fit-22 ta' Mejju, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet tat ukoll deċiżjoni oħra, din id-darba kontra l-Kunsill[87] wara li l-Parlament kien fetaħ kawża minħabba li l-Kunsill kien naqas li jieħu azzjoni fuq il-Politika tat-Trasport Komuni.

Irrid infakkar li kif rajna qabel, anki fuq it-trasport kien hemm politika komuni, li jfisser li r-regolamentazzjoni tat-trasport ma baqgħetx aktar fil-kompetenza ta' l-Istati Membri.

**Illum nistgħu naraw ir-riżultat ta' din il-politika meta baxx baxx sirna nafu li l-ħlasijiet tal-liċenzji tat-trasport speċjalment dawk tat-trakkijiet u vetturi oħra se jogħlew bil-kbir għaliex l-Unjoni Ewropea għandha regolamenti dwar l-inqas ħlasijiet li jridu jsiru fis-settur tat-trasport.**

Dawn il-ħlasijiet ġodda mhux biss se jgħollu l-prezzijiet tat-trasport, imma se jgħollu l-affarijiet kollha minħabba li kollox irid jiġi trasportat mix-xatt jew mill-ajruport.

[87] European Parliament v Council Case C13/83 [1985] ECR 1513

Għadaqstant, huwa ċar u ħadd ma jippretendi li l-għoli fil-liċenzji tat-trasport iħallsuhom minn buthom is-sewwieqa, imma l-għoli se jgħadduh fuq il-konsumaturi li se jkollhom iħallsu prezzijiet ħafna aktar għola minħabba l-politika tat-trasport ta' l-Unjoni Ewropea.

**Żviluppi Oħra**

Fit-2 ta' Ġunju kienu saru l-elezzjonijiet leġslattivi fil-Greċja, fil-25 tax-xahar saru l-elezzjonijiet Presidenzjali fl-Italja, waqt li fit-13 ta' Ottubru kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fil-Belġju.

Fl-10 ta' Ġunju, il-Kumitat tal-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri addottaw miżuri li kienu maħsuba biex isaħħu s-Sistema Monetarja Ewropea[88]. Aktar tard, u eżattament fl-20 ta' Lulju, il-Ministri u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri kienu aġġustaw ir-rati fis-Sistema Monetarja Ewropea.

**Direttiva 85/384/EEC**

Din id-Direttiva kienet dwar il-Periti u kienet ħarġet mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fl-10 ta' Ġunju 1985 u hija ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea[89].

Din id-Direttiva kienet dwar ir-rikonoxximent li riedu jagħtu l-Istati Membri lid-diplomi u ċertifikati fil-qasam ta' l-arkitettura maħruġa minn Stati Membri oħra biex periti u ħaddiema oħra f'dan il-qasam ikunu jistgħu jmorru jaħdmu, joqgħodu u jagħti s-servizz tagħhom fi Stati Membri oħra bla ebda xkiel.

Id-Direttiva kienet ukoll dwar taħriġ teoretiku u prattiku li ried jingħataw il-professjonisti f'dan il-qasam, lista ta' diplomi u ċertifikati u l-istituzzjonijiet li kienu jagħtuhom fl-Istati Membri, l-użu ta' titoli, provvedimenti biex dawn il-professjonisti jkunu jistgħu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'kull Stat Membru, u affarijiet oħra dwar dawn il-professjonisti.

**Aktar Żviluppi**

Fit-12 ta' Ġunju kienu ffirmati t-Trattati tad-Dħul ta' Spanja u l-Portugall. Min-naħa tal-Kummissjoni, fl-14 tax-xahar il-Kummissjoni bagħtet Karta[90] lill-Kunsill Ewropew dwar it-tkomplija tas-Suq Intern.

Il-Ftehim ta' Xengen[91] dwar it-tneħħija tal-kontrolli fuq il-fruntieri kien ġie ffirmat ġewwa Xengen, fil-Lussemburgu. Dan il-ftehim kien iffirmat mill-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu u l-Olanda.

Kif għedt aktar qabel, il-tneħħija tal-kontrolli fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri wasslet biex il-kriminalita' fl-Istati Membri splodiet, waqt li issa ġie kkonfermat ukoll

[88] Sistema Monetarja Ewropea SME - European Monetary System EMS
[89] Official Journal OJL 223 21.08.1085 p15-25
[90] White Paper titled "Completing the internal market: White Paper from the Commission to the European Council"
[91] Schengen, fil-Lussemburgu

minn espert Amerikan li kien qiegħed jgħallem lill-pulizija hawn Malta f'Ottubru ta' din is-sena[92], li dan wassal biex id-droga kompliet tinxtered bla rażan fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

## Unjoni Maqtuha mill-Popli

L-Unjoni Ewropea, u qabilha l-Komunitajiet Ewropej, minn dejjem kienu jiġu akkużati li mhumiex demokratiċi u li huma 'l bogħod mill-popli ta' l-Istati Membri tagħhom.

Għaldaqstant, kien sar kumitat biex jara x'jista jsir biex titneħħa din l-impressjoni. Fl-20 ta' Ġunju, dan il-Kumitat imsejjah "Ewropa tal-Popli" kien bagħat ir-rapport aħħari tiegħu lill-Kunsill Ewropew.

## Kunsill Ewropew ġewwa Milan

Bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju kien saret laqgħa tal-Kunsill Ewropew ġewwa Milan, fl-Italja. Il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern qablu mal-Karta tal-Kummissjoni dwar is-suq intern u ddeċiedew li jwaqqfu Konferenza Intergovermentali, jiġifieri bejn il-Gvernijiet, biex jikkunsidraw riformi istituzzjonali.

Wieħed irid jiftakar li għadhom sa' llum iridu jagħmlu r-riformi fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea minħabba t-tkabbir u minħabba li ċ-ċittadini Ewropej għadhom iħossuhom maqtuha mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand il-Lussemburgu.

## Emendi u Trattat Ġdid

Fit-22 ta' Lulju, il-Kunsill qabel li jsejjaħ Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri biex jemendaw it-Trattat tal-KEE u jabbozzaw trattat dwar il-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

Minn dan l-iżvilupp naraw li kompliet il-mixja lejn Stat Federali Ewropew fejn il-politika barranija u l-politika ta' sigurta' ma tibqax tiġi deċiża minn kull Stat Membru kif ikun jaqbillu, imma mill-Unjoni Ewropea skond kif ikun jaqbel lilha, jew aħjar skond kif ikun jaqbel lil ċerti Stati Membri tagħha li tassew jiddeċiedu kif għandha timxi l-Unjoni Ewropea.

## Karta Oħra mill-Kummissjoni

Min-naħa tal-Kummissjoni, hija bagħtet Karta[93] oħra lill-Kunsill Ewropew fuq il-perspettivi tal-Politika Agrikola Komuni. Karta oħra mill-fabbrika tal-karti kif xi wħud isejħu lill-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, dan ifisser li ma kinux kuntenti bil-Politika Agrikola Komuni, u riedu jaraw x'jagħmlu biex jirranġawha.

---

[92] 2002
[93] Green Paper on trhe perspectives for the common agricultural policy

## Spanja, il-Portugall u Konferenza Intergovernattiva

Fid-9 ta' Settembru kienet saret l-ewwel laqgħa tal-Konferenza Intergovernattiva li għaliha kienu attendew il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-10 Stati Membri **kif ukoll Spanja u l-Portugall**.

Hawnhekk ma nistax ma nikkummentax dwar il-ftaħir li kien għamel il-Gvern Nazzjonalista minħabba li Malta kienet se tieħu sehem f'xi laqgħat ta' l-Unjoni Ewropea minkejja li m'aħniex membri.

Dan m'huwa xejn ħlief ferħ tal-boloħ, għax kif jgħid il-qawl Malti, "**L-iblaħ taqlalu għajnu u jifraħ**".

Dan għaliex jekk wieħed jara dak li għadni kif għedt dwar li Spanja u l-Portugall kienu attendew ukoll għall-Konferenza Intergovernattiva, irid jiftakar li Spanja u l-Portugall dak iż-żmien kienu għadhom mhumiex membri.

Għaldaqstant, dak il-ftaħir kollu li kien għamel il-Gvern Nazzjonalista kien kollu ferħ ta' xejn, ferħ tal-boloħ, għaliex anki pajjiżi oħra kienu tħallew jattendu laqgħat u konferenza qabel Malta minkejja li kienu għadhom m'humiex membri.

## Il-Farmaċisti u d-Direttiva tal-Kunsill 85/432/EEC

Jekk wieħed jaħseb li l-Unjoni Ewropea kienet se tinsa xi qasam u tħalli lill-Istati Membru jfixklu xi ċittadin minn xi Stat Membru ieħor milli jmur għandhom u jeżerċita l-professjoni tiegħu jaħseb ħażin.

Fil-fatt, fis-16 ta' Settembru, il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, kien ħareġ Direttiva[94] biex jikkoordina l-provvedimenti magħmula b'Liġi, Regolament jew Azzjoni Amministrattiva dwar ċerti attivitajiet fil-qasam tal-farmaċija[95].

L-ewwel ma jrid jiġi nnutat huwa li bħal ma sar fil-każ ta' Direttivi oħra, qed issir referenza mhux biss għal-liġijiet, imma anki għar-regolamenti u azzjonijiet amministrattivi.

Dan għaliex liġi tista' tkun tirregola b'mod ġenerali u tħalli lil xi ħadd, bħal ma huwa Ministru, li joħroġ regolament fit-termini ta' dik il-liġi.

Barra minn hekk, issir referenza wkoll għal azzjonijiet amministrattivi għaliex waqt li skond il-liġi u regolamenti jkun hemm ċerti affarijiet, bħal ma huma li wieħed kien jista' jeżerċita l-professjoni tiegħu, fil-prattika kien jiġri li minħabba azzjonijiet meħuda jew mhux meħuda mill-amministrazzjonijiet ta' dak l-Istat Membru jew li jkunu jirregolaw xi professjoni partikolari, kienu jkunu ta' tfixkil jew ma kinux iħallu lil xi professjonist li jeżerċita' l-professjoni tiegħu f'dak l-Istat Membru.

[94] Council Directive 85/432 16.09.1985 OJL 253 24.09.1985 p0034-0036

[95] "Council Directive 85/432/EEC of 18 September 1985 concerning the coordination of provisions laid down by Law, Regulation or Administrative Action in respect of certain activities in the field of pharmacy

Din id-Direttiva kellha l-għan li jiġi faċilitat id-dritt li professjonisti fil-qasam farmaċewtiku jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor[96], kemm jekk jaħdmu għal rashom u kemm jekk impjegati[97], kienet tipprovdi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fil-qasam farmaċewtiku, kif ukoll it-taħriġ li dawn il-professjonisti kienu jinħtieġu[98].

Għaldaqstant, jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-farmaċija f'Malta u f'Għawdex se jsibu kompetizzjoni ħarxa u theddida għal-xogħolhom u ħobżhom minn farmaċisti minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea ġewwa Malta u Għawdex stess.

**Direttiva tal-Kunsill 85/433/EEC**

Fl-istess jum li fih ħarġet id-Direttiva ta' qabel, kienet ħarġet Direttiva[99] oħra msemmija hawn fuq għall-istess qasam farmaċewtiku biex tiżgura li l-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa ħalli jirrikonoxxu l-kwalifiki professjonali[100] biex professjonisti f'dan il-qasam ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor[101] bla ebda xkiel[102].

Din id-Direttiva fiha wkoll mhux biss provvedimenti dwar it-taħriġ li kellhom jingħataw il-farmaċisti, imma anki dwar it-titoli li jkunu jistgħu jużaw, kif ukoll lista' ta' diplomi u kwalifiki oħra mogħtija fl-Istati Membri kollha li l-Istati Membri l-oħra bilfors riedu jirrikonoxxu daqs li kieku jkunu tawhom huma jew l-istituzzjonijiet ta' taħriġ professjonali tagħhom.

Tajjeb li l-Farmaċisti kollha, kemm dawk impjegati kif ukoll dawk li jaħdmu għal rashom, ikunu jafu li l-Gvern Nazzjonalista diġa' għamel il-liġi biex jirrikonoxxi l-

---

[96] "Whereas persons who hold a diploma, certificate or other formal qualification in pharmacy are for that reason specialists in the field of medicinal products and, in principle, must have access in all the Member States to a minimum range of activities in that field…"

[97] "Whereas the coordination provided by this Directive (b'referenza fil-paragrafu ta' qabel Æad-direttiva 85/433/EEC) covers professional qualifications, whereas, as regards such qualifications, most Member States at present do not distinguish between professional persons who pursue their activities as employed persons and those who are self-employed; whereas, for this reason, it appears necessary to extend the application of this Directive to employed professional persons…"

[98] "Whereas, with a view to the mutual recognition of diplomas, certificates and other evidence of formal qualifications in pharmacy, as required by Council Directive 85/433/EEC of 16 September 1985 concerning the mutual recognition of diplomas, certificates and other evidence of formal qualifications in pharmacy, including measures to facilitate the effective exercise of the right of establishment relating to certain activities in the field of pharmacy…"

[99] Council Directive 85/433/EEC 16.09.1985 OJL 253 24.09.1985 p0037-0042

[100] Council Directive 85/433/EEC of 16 September 1985 concerning the mutual recognition of diplomas, certificates and other evidence of formal qualifications in pharmacy, including measures to facilitate the effective exercise of the right of establishment relating to certain activities in the field of pharmacy

[101] "Whereas, pursuant to the Treaty, all discriminatory treatment based on nationality with regard to establishment and provision of services is prohibited as from the end of the transitional period; whereas the principle of such treatment based on nationality applies, in particular, to the grant of any authorization required for the practice of certain activities, and also to registration with or membership of professional organizations or bodies…"

[102] "Whereas it nevertheless seems desirable that certain provisions be introduced to facilitate the effective exercise of the right of establishment…"

kwalifiki u jagħti dritt li Farmaċisti u professjonisti oħra minn kull Stat Membru li jiġu jaħdmu f'Malta u f'Għawdex[103].

Għaldaqstant, il-Farmaċisti Maltin u Għawdxin għandhom xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom mhedded bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, bħal ma għandhom ukoll il-professjonisti l-oħra kollha.

## Aktar Ftehim

Fit-12 ta' Novembru kien ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Komunita' Ekonomika Ewropea u t-Trattat Ġenerali għall-Integrazzjoni Ekonomika ta' l-Istati ta' l-Amerika Ċentrali u l-Istati Kuntrattwali tal-Panama[104].

Dan il-ftehim huwa ieħor fis-sensiela ta' ftehim li għamilt referenza għalihom u li mhux biss permezz tiegħu il-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, żiedet mal-pajjiżi u organizzazzjonijiet ta' pajjiżi li kellha xi forma ta' ftehim magħhom, imma li kollha juru li mhux veru li trid tkun membru fl-Unjoni Ewropea biex ikollok ftehim magħha li jkun jaqbel għaż-żewġ naħat.

Fit-28 ta' Novembru, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali addotta opinjoni fuq it-tkomplija tas-suq intern, wara li kif rajna aktar qabel, kienet intbagħtet karta mingħand il-Kummissjoni.

## Lejn Aktar Integrazzjoni

Bejn l-4 u t-2 ta' Diċembru kien inżamm Kunsill Ewropew ieħor, din id-darba fil-Lussemburgu. L-Istati Membri kienu qablu li jemendaw it-Trattat ta' Ruma biex jerġgħu jagħtu l-ħajja lill-proċess ta' integrazzjoni Ewropea billi jagħmlu Att Wieħed Ewropew[105].

## Direttiva tal-Kunsill 85/611/EEC

Din id-Direttiva[106] kienet ħarġet fl-20 ta' Diċembru u kienet dwar il-koordinazzjonijiet tal-liġijiet, regolamenti u provedimenti amministrattivi dwar impriżi għall-investiment kollettiv f'sigurtajiet trasferibbli (UCITS).

Kif dejjem għedt, il-liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi ta' l-Istati Membri riedu jiġu emendati biex ikunu jaqblu mad-direttivi li joħorġu l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

---

[103] Att Nru XVIII ta' l-2002
[104] General Treaty for Central American Economic Integration and Panama Contracting States.
[105] Single European Act
[106] Council Directive 85/611/EEC 20.12.1985 OJL 375 31.12.1985 p003-0018

## Is-Sena 1986

Is-sena 1986 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand l-Olanda.

Fl-istess jum, Spanja u l-Portugall kienu saru membri tal-Komunitajiet Ewropej, waqt li fis-26 tax-xahar, kienu nżammu elezzjonijiet Presidenzjali fil-Portugall.

Bejn is-17 u t-28 ta' Frar, l-Att Wieħed Ewropew li kien jemenda t-Trattat ta' Ruma kien ġie ffirmat fil-Lussemburgu u f'The Hague, fl-Olanda. Fis-16 ta' Marzu kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fi Franza.

## Il-Każ Marshall

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċiediet dwar dan il-każ fis-26 ta' Frar. Dan il-każ ma kienx uniku, għaliex Marshall[107] kienet fetħet diversi każijiet kontra l-Awtoritajiet tas-saħħa minħabba li hija kienet ġiet imġielha tirriżenja mix-xogħol tagħha minħabba li kienet laħqet l-eta' ta' 62 sena li kienet differenti minn dik ta' meta kienu jirtiraw l-irġiel.

Dan seta' jsir fir-Renju Unit skond l-Att dwar id Diskriminazzjoni Sesswali ta' l-1975[108], għalkemm kien kontra d-Direttiva 76/207/EEC li ma kinitx iddaħħlet fil-liġi Ngliża.

Għaldaqstant, Marshall kienet argumentat u qalet li dan kien ifisser li kienet saret diskriminazzjoni magħha li kienet imsejsa fuq is-sess, kontra l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri minħabba li hija kienet mara.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet qalet li Artiklu 5(1) tad-Direttiva numru 76/207/EEC tad-9 ta' Frar 1976 ried jitfisser li politika generali ta' tkeċċija ta' mara għaliex laħqet jew qabżet l-eta' tal-pensjoni, liema eta' hija differenti taħt liġi nazzjonali, jikkostitwixxi diskriminazzjoni fuq sisien ta' sess, kuntrarjament għal dik id-Direttiva[109].

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet qalet li minkejja li d-Direttiva ma kinitx iddaħħlet fil-liġi Ngliża, Artiklu 5(1) tad-Direttiva numru 76/207/EEC tad-9 ta' Frar 1976, li jipprojbixxi diskriminazzjoni fuq sisien ta' sess dwar kundizzjonijiet ta' xogħol, inkluż il-kundizzjonijiet dwar it-tkeċċija, seta' jsir serħan fuqhom kontra awtorita' ta' Stat li tkun taġixxi bħala min iħaddem (employer) biex jiskansa l-

[107] Judgment of the Court of 26 February 1986. Marshall v Southampton and South West Hampshire Area Health Authority (Teaching) 1986 ECR 723 Reference for a preliminary ruling: Court of Appeal (England) - United Kingdom. Equality of treatment for men and women - Conditions governing dismissal. Case 152/84.

[108] Sex Discrinmination Act 1975

[109] Paragrafu 1 tal-parti operattivas tas-sentenza, " Article 5 (1) of Directive No 76/207 must be interpreted as meaning that a general policy concerning dismissal involving dismaiisa the dismissal of a woman solely because she has attained or passed the qualifying age for a State pension, which age is different under national legislation for men and for women, constitutes discrimination on grounds of sex, contrary to thet Directive"

applikazzjoni ta' kull provvediment nazzjonalili ma tkunx konformi ma l-Artiklu 5(1).[110]

Fi kliem ieħor, minkejja li l-liġi Ngliża kienet tgħid mod, il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea kienet aqwa u kienet tagħti drittijiet minkejja li l-liġi Ngliża ma kinitx tagħtihom. Għaldaqstant, kienet tgħodd il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea u mhux il-liġi Ngliża.

Dan ifisser, u trid tittieħed minn dan l-aspett, li l-Unjoni Ewropea trid li n-nisa jkomplu jaħdmu daqs l-irġiel.

Dan jiftiehem għaliex fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, il-pensjonanti u ċ-ċittadini kollha tant huma ntaxxati li l-pensjoni ma sservihomx u jkollhom jibqgħu jaħdmu għomorhom kollu għaliex inkella jkollhom jgħixu f'faqar kbir.

Irrid infakkar li n-nisa ingħataw l-istess drittijiet u paga daqs l-irġiel mill-Gvern Laburista, għaliex il-Gvern Nazzjonalista kien ħallihom jitħallsu bis-soldi minkejja li kien ilu disa' snin fil-Gvern.

## Il-Każ Nouvelle Frontieres

Fit-30 ta' April, il-Qorti tal-Komunitajiet Ewopej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, kienet tat id-deċiżjoni tagħha f'dan il-każ[111].

Il-persuni msemmija fil-każ kienu saru proċeduri kriminali kontrihom fil-Qorti Franċiża u kienu akkużati li kisru l-liġi Franċiża dwar il-prezzijiet tal-biljetti ta' l-ajru. Minħabba li kienet kwistjoni dwar il-kompetizzjoni, il-Qorti Franċiża rreferiet il-każ lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Fil-qosor, il-Qorti kienet qalet li r-regoli tat-Trattat, li jinkludu wkoll ir-regoli tal-kompetizzjoni, kienu japplikaw ukoll fil-qasam tat-trasport, inkluż trasport bl-ajru.

Qalet ukoll li kien kontra t-Trattat li l-Istati Membri jirregolaw it-tariffi, u li fil-każ imsemmi, dawk it-tariffi kienu riżultat ta' ftehim, deciżjoni minn assoċjazzjoni ta' impriżi, jew prattika kunċertata kontra Artiklu 85. Hekk iddeċiediet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u hekk ikollu jsir.

Hawnhekk irrid infakkar li l-Artikli 85 u 86 tat-Trattat li huma dwar il-kompetizzjoni kienu ddaħħlu mill-Gvern Nazzjonalista kważi kelma b'kelma fl-Att dwar il-Kompetizzjoni.

---

[110] Paragrafu 2 tal-parti operattiva tas-sentenza, "Article 5(1) of Council Directiove No 76/207 of 9 February 1976, which prohibits any discrimination on grounds of sex with regard to working conditions, including the conditions governing dismissal, mat be relied upon as against a State Authority acting in its capacity as employer, in order to avoid the application of any national provision which does not conform to Article 5"

[111] Judgment of the Court of 30 April 1986. Criminal proceedings against Lucas Asjes and others, Andrew Gray and others, Andrew Gray and others, Jacques Maillot and others and Léo Ludwig and others. References for a preliminary ruling: Tribunal de police de Paris - France. Fixing of air tariffs - Applicability of the competition rules in the EEC Treaty. Joined cases 209 to 213/84. European Court reports 1986 Page 01425

## Żviluppi Oħra

F'Mejju kienu saru diversi żviluppi. Fl-1 ta' Mejju, kienet daħlet fis-seħħ it-Tielet Konvenzjoni AKP-KEE li kienet ġiet iffirmata fit-8 ta' Diċembru 1984, ġewwa Lome', fit-Togo. Bejn l-4 u s-6 tax-xahar kienet saret Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent[112] ġewwa Tokjo, fil-Ġappun. Elezzjonijiet legislattivi kienu saru fl-Olanda fil-21 tax-xahar.

## Bandiera Misruqa

Fid-29 ta' Mejju 1986, kienet ġiet addottata l-bandiera tal-Komunitajiet, issa ta' l-Unjoni Ewropea mill-istituzzjonijiet tal-Komunita'. Din il-bandiera kienet ittellgħet l-ewwel darba f'dan il-jum quddiem il-bini Berlaymont għad-daqq tal-mużika ta' l-innu Ewropew.

Din il-bandiera hija magħrufa sewwa maċ-ċittadini Maltin u Għawdxin minħabba li l-Gvern Nazzjonalista bil-fissazzjoni tal-ġenn li għandu dwar l-Unjoni Ewropea kien daħħalha fuq il-pjanċi tan-numri tal-karozzi.

Hawnhekk naraw kemm il-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, lanqas kellhom il-ħila li jagħmlu l-bandiera oriġinali tagħhom, għaliex serqu l-bandiera blu bi tnax-il stilla kulur id-deheb li kienet il-bandiera tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Din kienet ir-raġuni li kien ta l-Gvern Nazzjonalista meta kien akkużat li daħħal il-bandiera ta' l-Unjoni Ewropea, u kien qal li dik ma kinitx il-bandiera ta' l-Unjoni Ewropea imma l-bandiera tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Hawnhekk wieħed jara kif waqt li min-naħa l-Unjoni Ewropea tagħmel regolamenti u direttivi dwar il-privattivi[113] u proprjeta' industrijali oħra, hija stess tisraq il-proprjeta' ta' ħaddieħor meta serqet il-bandiera tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Trid tkun daqsxejn ipokrita biex tgħid lil ħaddieħor ma jisraqx affarijiet u proprjeta' ta' ħaddieħor waqt li inti stess tkun qed tagħmel dawn l-affarijiet.

Jidher li ta' l-Unjoni Ewropea ma jafux dak il-qwiel Maltin li jgħidu li **"Il-Kelma tqanqal, imma l-eżempju jkaxkar"** u li **"L-qaħba milli jkollha tagħtik"**.

Għaldaqstant, bħal ma l-qaħba tgħaddi l-mard li jkollha lil min imur magħha, jekk Alla ħares qatt insiru membri ta' l-Unjoni Ewropea nieħdu l-mard tal-korruzzjoni, tberbiq ta' flus bl-addoċċ, taxxi, dazji, levies, sensji għall-ħaddiema, nuqqasijiet fil-pagi, għeluq ta' fabbriki, għoli tal-ħajja, u l-affarijiet ħżiena li hija magħrufa għalihom

L-addozzjoni jew aħjar is-serq tal-bandiera tal-Kunsill ta' l-Ewropa mill-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea, juri wkoll l-intenzjoni tagħhom mhux biss li jisirqu l-bandiera, imma li anki jespandu fl-Ewropa kollha biex jekk jista' jkun kull pajjiż li huwa membru tal-Kunsill ta' l-Ewropa jsir ukoll Stat Membru ta' l-Istat Federali Ewropew, l-Istati Uniti ta' l-Ewropea, jiġifieri l-Unjoni Ewropea.

---

[112] Western Economic Summit
[113] Patents

**Ftakru li l-ħolqien ta' Stat Federali Ewropew li jiġbor fih l-Istati Ewropej kollha minn dejjem kien l-għan tal-federalisti Ewropej u internazzjonali.**

**Ftakru wkoll li kif rajna fil-bidu ta' dan il-ktieb, federalisti prominenti li kellhom xi kariga f'istituzzjonijiet Ewropej inkluż il-Kunsill ta' l-Ewropa, kienu bdew jirriżenjaw malli raw li ma setgħux idawwru lill-Kunsill ta' l-Ewropea fi Stat Federali Ewropew, u ftit wara bdew jinħatru bħala kapijiet jew mexxejja ta' l-ewwel Komunita' Ewropea tal-KEFA.**

## Dikjarazzjonijiet fuq Razziżmu u Xenofobja

Kif diġa' ġbidt l-attenzjoni qabel, il-moviment ħieles ta' persuni u ħaddiema li minn dejjem kien l-għan ta' dawk li waqqfu l-Komunitajiet Ewropej kif ukoll l-għan tal-kumpaniji l-kbar fil-pajjiżi kolonizzaturi u ex-kolonizzaturi li llum huma Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, kien qed iwassal biex tiżdied il-mibgħeda u l-attakki kontra l-ħaddiema barranin li kienu qed jieħdu xogħol il-ħaddiema lokali fl-Istati Membri.

Għaldaqstant, fil-11 ta' Ġunju, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni kienu ffirmaw flimkien u ħarġu dikjarazzjoni kontra r-Razziżmu u x-Xenofobja[114]. Biex wieħed jifhem aħjar, ix-xenofobja hija dik il-biża li ċerti nies iħossu min nies oħra minħabba li jkunu ta' kulur, nazzjonalita', razza, reliġjoni jew kultura differenti.

## Żviluppi Oħra

Fit-22 ta' Ġunju kienu nżammu l-elezzjonijiet leġislattivi fi Spanja, waqt li bejn is-26 u s-27 tax-xahar kien sar Kunsill Ewropew ħewwa "The Hague" fl-Olanda.

Fl-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand ir-Renju Unit. Bejn il-15 u l-20 ta' Settembru, kien sar qbil bejn il-Ministri ta' tnejn u disgħin nazzjon ġewwa Punta del Este, fl-Urugwaj[115], biex isiru taħdidiet ġodda multilaterali dwar il-kummerċ.

## Kunsill Ewropew ġewwa Londra

Kunsill ieħor Ewropew kien inżamm bejn il-5 u s-6 ta' Diċembru ġewwa Londra, fir-Renju Unit, fejn eżaminaw bir-reqqa l-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-immigrazzjoni klandestina u t-traffikar tad-drogi.

Jekk wieħed jara l-punti li ġew mitħaddta fil-Kunsill jara li t-terroriżmu ilu u m'huwiex xi ħaġa t'issa, waqt li l-immigrazzjoni klandestina diġa' kienet qed tikkawża problemi li issa laħqu proporzjonijiet enormi.

Imma l-aktar li wieħed jinduna huwa kif waqt li minn qabel il-ftuħ tal-fruntieri bejn l-Istati Membri, it-traffikar tad-droga tant kiber li kien wieħed mill-punti li ġew eżaminati fil-Kunsill Ewropew, din il-problema tad-droga flimkien mal-problema tal-kriminalita' ġenerali splodew bil-ftuħ tal-fruntieri bejn l-Istati Membri.

---

[114] Xenophobia
[115] Uruguay Round

**Direttiva tal-Kunsill 86/635/EEC**

Id-Direttiva 86/635/EEC[116] kienet ħarġet fit-8 ta' Diċembru, kienet twila mhux ħażin, u kienet dwar kif il-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra jridu jżommu l-kontijiet ta' kull sena[117] u l-kontijiet konsolidati tagħhom.

**Direttiva tal-Kunsill 86/653/EEC**

Id-Direttiva 86/653/EEC[118] kienet ħarġet fit-18 ta' Diċembru u kienet fuq il-koordinazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma aġenti kummerċjali[119] li jħaddmu lilhom infushom, jiġifieri self-employed.

Kienet tirregola wkoll ir-relazzjonijiet bejn l-aġent u l-prinċipal, u kien hemm numru ta' provvedimenti li l-liġijiet ta' l-Istati Membri riedu bilfors jinbidlu biex ikunu jaqblu magħhom.

[116] Council Directive 86/635/EEC 08.12.1986 OJL 372 31.12.1986 p0001-0017
[117] Annwali
[118] Council Directive 86/653/EEC 18.12.1986 OJL 382 31.12.1986 p0017-0021
[119] Commercial Agents

## Is-Sena 1987

Il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand il-Belġju mill-1 ta' Jannar ta' din is-sena. Fl-20 tax-xahar, Lord Henry Plumb ġie elett bħala President tal-Parlament, waqt li fil-25 tax-xahar kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Wieħed irid jiftakar li dak iż-żmien, il-Ġermanja kienet għadha maqsuma f'żewġ Ġermanji, ir-Repubblika Federali tal-íermanja u r-Repubblika Demokratika Ġermaniża. Elezzjonijiet leġislattivi oħra kienu saru fl-Irlanda fis-17 ta' Frar.

Fil-25 ta' Marzu, kienet inżammet ċelebrazzjoni uffiċjali ġewwa Ruma, fl-Italja, bħala tifkira tat-tletin anniversarju ta' l-iffirmar tat-Trattati ta' Ruma. Biex wieħed jiftakar, dawn kienu t-Trattati KEE u KEEA, jiġifieri t-Trattat tal-Komunita' Ekonomika Ewropea u t-Trattat tal-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

## L-Applikazzjoni Torka

Fl-14 ta' April, il-Gvern Tork kien applika formalment biex it-Turkija tissieħeb fil-Komunitajiet Ewropej. Sal-lum għadha ma saritx membru, u jingħadu ċerti raġunijiet għaliex għadha ma saritx u probabbilment qatt ma ssir membru.

Xi raġunijiet huma validi, bħal ma huma n-nuqqas ta' ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-piena tal-mewt li jidher li issa tneħħiet, waqt li oħrajn li għalkemm m'humiex mogħtija uffiċjalment imma wieħed jismagħhom speċjalment f'ċerti ċrieki diplomatiċi, huma li t-Turkija se tibqa' tistenna, u li dejjem se tinstab xi skuża biex ma ssirx membru minħabba li hija Stat Islamiku u għandha poplu kbir li jnaqqas l-importanza ta' l-Istati Membri l-oħra.

Xi raġunijiet oħra li ssemmew f'Novembru 2002 kienu li l-belt kapitali tat-Turkija m'hijiex fl-Ewropa, u li parti żgħira biss mit-Turkija hija fl-Ewropa, għax il-parti l-kbira tagħha tinsab fl-Asja.

Madankollu, it-Turkija dejjem se tibqa' tiġi ttamata li se ssir membru minħabba l-importanza tal-bażijiet militari tagħha li huma wżati mill-forzi tan-NATO, Amerikani u tal-pajjiżi tal-Punent.

Dawn il-bażijiet kienu saru fi żmien il-gwerra bierda minħabba li t-Turkija għandha fruntiera twila mar-Russja u kienet toffri faċilitajiet militari qrib ħafna ta' fejn setgħu jkunu meħtieġa.

Minkejja li kienet spiċċat il-gwerra bierda, dawn il-faċilitajiet militari għadhom importanti minħabba s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani u l-interessi li l-pajjiżi tal-Punent għandhom fiż-żejt li hemm fir-reġjun.

Tant dan huwa minnu li l-bażijiet militari fit-Turkija, speċjalment il-bażi ta' l-ajru ta' Inċirlik, kienu ntużaw fil-Gwerra tal-Ġolf kontra l-Iraq.

Għaldaqstant, it-Turkija se tibqa' tiġi ttamata li xi darba ssir membru biex il-bażijiet militari li għandha jkunu jistgħu jibqgħu jntużaw biex jaqdu l-interessi li l-pajjiżi tal-Punent, tan-NATO u ta' l-Istati Uniti għandhom fir-reġjun, speċjalment iż-żejt.

Waqt li dan il-ktieb bdejtu fl-2001, u kont diġa' ktibt dawn il-konklużjonijiet, issa[120] għadu kif tħabbar fil-ġurnali Le Monde u Handelsblatt li Valéry Giscard d'Estaing qal li,

**"It-Turkija mhijiex pajjiż Ewropew, hija pajjiż li jinsab vicin l-Ewropa. Il-kapitali tagħha m'hijiex fl-Ewropa u 95 fil-mija tal-popolazzjoni tagħha tgħix barra mill-Ewropa"[121].**

Ġie rrapurtat ukoll li t-Turkija li qiegħda titlob li tingħata data ta' meta se jibdew it-taħdidiet għad-dħul tagħha fl-Unjoni Ewropea tista' tiġi ppremjata mill-Kunsill li għandu jsir f'Diċembru 2002 għar-riformi li qed tagħmel taħt żewġ kundizzjonijiet.

Li tinstab soluzzjoni għall-problema ta' Ċipru u li tħalli l-bażijiet tan-NATO li għandha jintużaw mill-armata ta' l-Unjoni Ewropea[122].

Dan mhux l-interess waħdieni, għaliex l-istess partijiet għandhom ukoll interess li jkunu jistgħu jgħinu lill-Israel jekk dan ikun jinħtieġ xi għajnuna minħabba li huwa mdawwar minn Stati Għarab.

Għalkemm l-Israel dejjem wera li kapaċi jilqa' għal xi attakki li l-pajjiżi Għarab jistgħu jagħmlu kontra tiegħu, dejjem ikun tajjeb li jkun hemm faċilitajiet militari li jkunu fil-qrib jekk ikollu ħtieġa ta' xi għajnuna immedjata.

Issa ħareġ ukoll li l-Istati Uniti ta' l-Amerika qegħda tagħmel pressjoni fuq l-Unjoni Ewropea biex it-Turkija tingħata tweġiba ta' meta se tiddaħħal jew għalmenu jibdew it-taħdidiet tad-dħul tagħha fl-Unjoni Ewropea. Tant qed issir pressjoni li Stati Membri qed igergru kontra din il-pressjoni.

L-interess li l-Istati Uniti u l-pajjiżi tal-Punent għandhom u dejjem kellhom fir-reġjun jista' jiġi studjat u analizzat jekk wieħed jara kif dejjem ippruvaw jgħinu lil xi Stat partikolari li kienu jaħsbu li jista' jinfluwenza Stati oħra fir-reġjun, dak li bl-Ingliż huwa magħruf bħala regional influential.

Hemm l-eżempju ta' l-Eġittu li kienet l-Istati Uniti li kienet ħaditha kontra Franza, ir-Renju Unit u l-Israel wara l-invażjoni tal-Kanal tas-Suez, għalkemm l-Istati Uniti kellha interessi oħra.

Anki l-Iraq li qabel ma hadha kontra l-Kuwajt kien sab għajnuna mill-Istati Uniti, kemm bil-miftuh u kemm bil-moħbi, fil-gwerra bla sens tiegħu kontra l-Iran.

Wieħed irid jgħid li l-għajnuna lil Stati differenti kienet tingħata kemm mill-pajjiżi tal-Punent kif ukoll mill-pajjiżi tal-Lvant biex jippruvaw jilħqu l-għanijiet tagħhom,

---

[120] 08.11.2002 www.euobserver.com

[121] Le Monde 08.11.2002, irrapurtat li fis-7 ta' Novembru 2002, Valéry Giscard d'Estaing qal li, *"La Turquie est un pays proche de l'Europe, un pays important, qui a une véritable élite, mais ce n'est pas un pays européen"*, estime-t-il, ajoutant : *"Sa capitale n'est pas en Europe, elle a 95 % de sa population hors d'Europe, ce n'est pas un pays européen"*. L-istess kliem ġie rrapurtat fil-Handelsblatt.com tal-ġimgħa 8 ta' Novembru 2002

[122] www.euobserver.com tirraporta li dan il-kliem intqal mill-President tal-Kunsill preżenti Anders Fogh Rasmussen

tant li fil-gwerra bierda, għalkemm is-superpotenzi u l-allejati tagħhom qatt ma ġġieldu gwerra bil-miftuħ direttament bejniethom, huma kienu mdaħħla f'ħafna gwerer fi Stati oħra li l-popli tagħhom kienu jiġġieldu għalihom, kif jingħad, bil-prokura[123].

Dan fis-sens li kienu jagħtu l-armi lil pajjiżi oħra biex jiġġieldu bejniethom minflok jiġġieldu huma. Fl-istess waqt, huma kienu jkunu qed jippruvaw l-armi li jkunu qed jiżviluppaw permezz tal-gwerer li pajjiżi oħra jkunu qed jiġġieldu bejniethom.

Dawn huma ftit mir-raġunijiet moħbija li jkun hemm meta l-pajjiżi l-kbar ikunu qed jgħinu pajjiżi oħra żgħar fil-gwerer ta' bejniethom, meta ma jkunux l-istess pajjiżi kbar li jkunu qabbduhom jiġġieldu.

Biex nerġgħu lura lejn il-Komunitajiet Ewropej, insibu li fit-13 ta' Mejju il-Bank ta' Spanja kien iffirma l-ftehim biex jidħol fis-Sistema Monetarja Ewropea.

## Il-Kostituzzjoni

Tajjeb li nfakkar li l-Kostituzzjoni ta' pajjiż hija l-aqwa liġi li kull liġi oħra trid tkun taqbel magħha.

Dan il-fatt ma jagħtix kunsiderazzjoni li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li l-liġi tal-Komunita', issa ta' l-Unjoni Ewropea, hija aqwa mill-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri.

Madankollu, biex kollox jidher li qiegħed isir sewwa, issir pressjoni biex jekk il-Kostituzzjoni ma tkunx taqbel ma' xi liġi ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni tiġi emendata.

Fil-fatt, hekk kien ġara meta l-Kostituzzjoni Irlandiża ma kinitx tħalli li l-Irlanda tirratifika l-Att Wieħed Ewropew[124].

Biex l-Irlanda tkun tista' tirratifika dan it-Trattat, kien sar referendum fl-Irlanda u kienet saret pressjoni biex jgħaddi, li permezz tiegħu kienet ġiet emendata l-Kostituzzjoni biex b'hekk, l-Irlanda setgħet tirratifika dan it-Trattat u tiddepożita l-istrumenti tar-ratifika.

Qed taraw kemm l-affarijiet isiru bizzilla biex kollox jidher li jkun sar skond il-liġi?

## Sena ta' Elezzjonijiet

Wieħed jista' jgħid li din is-sena wkoll kienet is-sena ta' l-elezzjonijiet.

Fil-fatt, barra l-elezzjonijiet li diġa' semmejt s'issa, kienu saru wkoll elezzjonijiet Ewropej fi Spanja fl-10 ta' Ġunju, elezzjonijiet legislattivi fir-Renju Unit fil-11 ta' Ġunju, u elezzjonijiet leġislattivi fl-Italja fl-14 ta' Ġunju.

---

[123] War by proxy
[124] Single European Act

Fid-19 ta' Lulju kienu saru wkoll l-elezzjonijiet Ewropej u legislattivi fil-Portugall, fit-8 ta' Settembru kienu saru elezzjonijiet legislattivi fid-Danimarka, waqt li fit-13 ta' Diċembru kienu saru elezzjonijiet legislattivi fil-Belġju.

**Aktar Laqgħat**

Bejn it-8 u l-10 ta' Ġunju kienet saret Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent ġewwa Venezja, fl-Italja, waqt li bejn id-29 u t-30 tax-xahar, kien sar Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Dan il-Kunsill kien eżamina aspetti differenti tal-komunikazzjoni ta' l-Att Wieħed Ewropew.

Il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand id-Danimarka fl-1 ta' Lulju, waqt li fl-istess jum daħal ukoll fis-seħħ l-Att Wieħed Ewropew. Fl-20 tax-xahar, il-Kunsill kien immodifika r-regolamenti interni tiegħu dwar il-proċedura ta' votazzjoni.

Minbarra li jiftaħ il-proċedura tal-votazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess, il-President tal-Kunsill ried jiftaħ il-proċedura fuq talba ta' Membru tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, jekk il-maġġoranza tal-Membri tal-Kunsill ikunu jaqblu.

**Direttiva tal-Kunsill 87/343/EEC**

Id-Direttiva 87/343/EEC[125] dwar assigurazzjoni fuq il-kreditu u garanzija kienet ħarġet fit-22 ta' Ġunju u kienet temenda l-ewwel Direttiva 73/239/EEC fuq il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi dwar id-dritt li persuni u kumpaniji li jmorru fi Stat Membru ieħor biex jaħdmu fil-qasam ta' l-assigurazzjoni dirett barra l-assigurazzjoni fuq l-ħajja u dwar ir-riservi li riedu jżommu minħabba t-talbiet li jista' jkollhom.

**Direttiva tal-Kunsill 87/344/EC**

Din id-Direttiva[126] kienet ħarġet ukoll fit-22 ta' Ġunju u kienet fuq il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi dwar assigurazzjoni fuq spejjeż legali.

Kif wieħed jista' jara, kull fergħa ta' kull qasam tiġi regolata mill-Unjoni Ewropea u xejn ma jaħarbilha.

**Tisħiħ u Tisħib fis-Sistema Monetarja Ewropea**

Fit-12 ta' Settembru, il-Ministri għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji addottaw miżuri biex isaħħu s-Sistema Monetarja Ewropea. Isaħħu din is-sistema u jherru s-sistema ta' l-Istati Membri.

Fit-28 tax-xahar, il-Kunsill addotta l-programm ta' qafas dwar l-iżvilupp tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku[127]. Fl-10 ta' Novembru, il-Bank tal-Portugall iffirma l-ftehim biex jissieħeb fis-Sistema Monetarja Ewropea.

---

[125] Council Directive 87/343/EEC 22.06.1987 OJL 185 04.07.1987 p0072-0076
[126] Council Directive 87/344/EEC 22..06.1987 OJL 185 04.07.1987 p0077-0080
[127] Research and technological development framework programme

**Kunsill Ewropew ġewwa Kopenħagen**

Bejn l-4 u l-5 ta' Diċembru kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Kopenħagen[128], fid-Danimarka. Il-Kunsill kien iddeċieda li fi Frar ta' l-1988 ikompli jeżamina l-aspetti differenti tal-pjan biex jagħti effetti għall-Att Wieħed Ewropew[129].

[128] Copenhagen
[129] Single European Act

## Żviluppi fil-Bidu tas-Sena 1988

Fl-1 ta' Jannar 1988, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand il-Ġermanja. Kunsill Ministerjali bejn il-Komunita', l-Istati Membri u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles[130] biex jitħaddtu dwar is-suq intern kien inzamm ġewwa Brussell, fil-Belġju fit-2 ta' Frar.

Bejn il-11 u t-13 tax-xahar, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Il-Kunsill laħaq qbil fuq il-konklużjonijiet ta' dossier dwar l-"Att Wieħed : Fruntiera ġdida għall-Ewropa"[131].

Fid-29 ta' Marzu, il-Kummissjoni ppubblikat ir-riżultat ta' studju[132] li kien sar fuq talba tagħha minn grupp ta' esperti indipendenti biex jeżaminaw[133] il-vantaġġi ta' suq wieħed.

## Aktar Elezzjonijiet u Żviluppi

Anki din is-sena kienu saru ħafna elezzjonijiet fl-Istati Membri. Fil-fatt, fl-24 ta' April kienu saru elezzjonijiet Presidenzjali fi Franza, fit-8 ta' Mejju komplew l-istess elezzjonijiet Presidenzjali fi Franza, waqt li elezzjonijiet leġislattivi kienu saru fid-Danimarka fl-10 ta' Mejju. Fil-5 u fit-12 ta' Ġunju kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fi Franza.

Fl-14 ta' Ġunju, il-Kummissjoni kienet ippreżentat Karta[134] oħra lill-Kunsill Ewropew dwar id-drittijiet ta' l-awtur u l-isfidi tat-teknoloġija, u kwistjonijiet f'dan il-qasam li dwarhom kellha tittieħed azzjoni immedjata.

## Aktar Ftehim

Fil-15 tax-xahar kien ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Komunita' u l-membri tal-Kunsill ta' Koperazzjoni għall-Istati Għarab tal-Ġolf, fejn kienet ġiet ippubblikata dikjarazzjoni politika flimkien[135]. Ftehim ieħor fis-sensiela twila ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Stati jew organizzazzjonijiet ta' Stati oħra.

Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent kienet saret ġewwa Toronto, fil-Kanada bejn id-19 u l-21 ta' Ġunju.

## Kunsill Ewropew ġewwa Ħanover

Bejn is-27 u t-28 ta' Ġunju kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Hanover, fil-Ġermanja. Dan il-Kunsill saħaq fuq l-importanza ta' l-aspetti soċjali tal-progress lejn l-oġġettivi ta' l-1992, tkellem dwar l-importanza tal-perikli li kienu qed jheddu l-

---

[130] European Free Trade Association EFTA
[131] "The Single Act: A new frontier for Europe"
[132] "Europe 1992 – The overall challenge"
[133] Assess
[134] Green Paper titled "Copyright and the challenge of technology – Copyright issues requiring immediate action"
[135] Cooperation Council for Arab States of the Gulf

ambjent u ħatar kumitat biex imexxi lejn l-għaqda monetarja. Il-Kunsill qabel ukoll li jerġa' jaħtar lil Jacques Delors bħala President tal-Kummissjoni.

**Direttiva tal-Kunsill 88/357/EEC**

Id-Direttiva 88/357/EEC[136] kienet ħarġet fit-22 ta' Ġunju u kienet dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi dwar l-assigurazzjoni diretta barra assigurazzjoni fuq il-ħajja u kienet tagħmel provvedimenti għall-eżerċizzju effettiv tad-drittt li jiġi pprovdut servizz fi Stati Membri oħra, kif ukoll biex temenda d-Direttiva 73/239/EEC.

**Żviluppi Oħra**

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand il-Greċja. F-istess jum, il-Ftehim Interistituzzjonali, jiġifieri ta' bejn l-istituzzjonijiet, fuq id-dixxiplina ta' l-estimi u t-titjib fuq il-proċedura ta' l-estimi li kien ġie approvat f'Ġunju daħal fis-seħħ.

Fis-7 ta' Ottubru il-Komunita' kienet irratifikat il-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq il-Protezzjoni tas-Saff ta' l-Ożonu. Bejn it-12 u t-13 ta' Ottubru kienu nfetħu n-negozjati dwar it-tiġdid tal-Konvenzjoni bejn il-KEE u l-pajjiżi AKP.

**Ftehim Ieħor**

Fis-26 ta' Settembru kien ġie ffirmat ftehim ieħor dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni ekonomika ma' l-Ungerija, liema ftehim kien ġie ffirmat ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Kważi kważi titlef il-kont jekk ma tgħoddomx, ta' kemm-il ftehim ta' kummerċ u kooperazzjoni ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea.

Dawn il-ftehim kollha jgiddbu lil dawk kollha li jgħidu li ma tistax tagħmel ftehim ma' l-Unjoni Ewropea imma trid issir bilfors membru.

**Dikjarazzjoni dwar Liġi Amerikana fuq il-Kummerċ**

Fis-26 ta' Settembru, il-Kunsill Ewropew kien addotta wkoll dikjarazzjoni dwar il-liġi Amerikana fuq il-kummerċ[137] u l-kompetittivita' fejn wera t-tħassib tiegħu dwar il-potenzjal protezzjonista tal-liġi.

Trid tkun daqsxejn wiċċek tost, vili u bla żejt biex turi tħassib minħabba l-protezzjoni li jkun qed jagħti ħaddieħor lill-industriji u l-kummerċjanti tiegħu, waqt li inti mhux biss tkun qed tagħmel minn kollox biex tipproteġi lill-industriji u l-kummerċjanti tiegħek, imma tkun qed tagħmel agħar minnu.

Madankollu tinsewx li l-qawl Malti jgħidlek li "**Il-qaħba milli jkollha tagħtik**."

[136] Second Council Directive 88/357/EEC 22.06.1988 OJL 172 04.07.1988 p0001-0014
[137] Trade Act

**Il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza**

Iż-żjieda fl-Istati Membri kellha bilfors iġġib magħha aktar kwistjonijiet u aktar xogħol għall-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-Kunsill Ewropew addotta deċiżjoni biex titwaqqaf Qorti ta' l-Ewwel Istanza għall-Komunitajiet Ewropej.

Il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza xorta kienet se tkun parti mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, imma kienet tħalli li jekk ikun hemm qbil, il-każ jinstema quddiem Awla tal-Qorti minn ftit imħallfin u mhux mill-Qorti sħiħa ta' l-Unjoni Ewropea, li fil-każ li jkun qiegħed jinstema mill-Qorti sħiħa, kienu jkunu qed jieħdu sehem l-imħallfin kollha.

**Il-Kunsill ta' Rodi**

Bejn it-2 u t-3 ta' Diċembru, Kunsill Ewropew kien ġie miżmum ġewwa Rodi, fil-Greċja. Il-Kunsill eżamina l-progress li kien sar lejn is-sena 1992, jiġifieri lejn it-twaqqif ta' l-Unjoni Ewropea, enfasizza s-sinjifikat tax-xogħol fuq il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-importanza li tiġi żviluppata l-kapaċita' awdjo-viżwali ta' l-Ewropa.

Tajjeb li jingħad li l-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, kienet qed tqis li tant kienu qed jiġu mpurtati films mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, li s-soċjeta' Ewropea kienet qed tiġi Amerikanizzata.

Wieħed jifhem kif il-films minn Hollywood joħorġu bħall-pastizzi u jiġu esportati għal kull rokna tad-dinja. Ħadd ma jistenna li ma jkunx hekk minn dik li tista' titqies il-belt kapitali ta' l-industrija tal-films.

Madankollu, dan kien qed iwassal biex, kif kien qiegħed jingħad f'ħafna pajjiżi Ewropej, il-kultura u l-valuri tagħhom jinbidlu u jiġu nfluwenzati bil-kbir mill kultura Amerikana u riedu jagħmlu xi ħaġa dwarha.

Din ma kinitx l-unika raġuni. Raġuni oħra hija li bir-ruxxmata films li kienu qed jiġu mpurtati, kienu qed jinħarġu flejjes kbar mill-pajjiżi Ewropej, waqt li l-industriji tal-films u l-media tagħhom flimkien ma' l-atturi Ewropej kienu qed jitilfu x-xogħol u l-flus.

L-Italja kellha dik magħrufa bħala ċine ċitta, fejn kienu jinħadmu l-films Taljani, waqt li Stati Membri oħra wkoll kellhom, xi ftit jew wisq, l-industrija tagħhom. Kien għal din ir-raġuni wkoll li l-Unjoni Ewropea bdiet tara x'jista' jsir biex l-industrija tal-media tal-pajjiżi Ewropej terġa' titqajjem fuq saqajha.

Minn dawn l-affarijiet wieħed jista' jara li wara kull deċiżjoni jkun hemm aktar minn raġuni waħda, kif ukoll li għandna nieħdu l-eżempju biex dak li huwa tagħna nagħmlu minn kollox biex nipproteġuh, niżviluppawh, intejjbuh, u nesportawh ukoll barra minn xtutna.

**Direttiva tal-Kunsill 89/48/EEC**

Dawk kollha li jaħsbu li għaliex għandhom xi kwalifiki Universitarji huma b'xi mod imħarsa mill-ħaddiema barranin mill-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea għandhom jerġgħu jaħsbuha.

Dan għaliex l-Unjoni Ewropea għandha Direttivi dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi fejn kull Stat Membru jrid bilfors jirrikonoxxi kwalifiki miksuba fi Stat Membru ieħor.

Huwa mportanti li nfakkar li din ma kinitx l-ewwel Direttiva dwar ir-rikonoxximent reciproku ta' kwalifiki professjonali, għaliex aktar qabel kienu saru Direttivi dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki fil-qasam tal-liġi, fil-qasam tas-saħħa, u f'oqsma oħra li rajna aktar qabel.

Madankollu, il-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, ħasset il-ħtieġa li tirregola l-oqsma kollha fejn jidħlu kwalifiki universitarji ħalli tiffaċilita l-moviment ħieles tal-gradwati fl-Istati Membri.

Għaldaqstant, fil-21 ta' Diċembru 1988, kienet ħarġet id-Direttiva numru 89/48/EEC tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi ta' edukazzjoni għolja li jingħataw wara tliet snin ta' edukazzjoni u taħriġ.

Din id-Direttiva hija ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea OJ L 019 ta' l-24 ta' Jannar 1989 paġna 16 sa 23[138].

F'din id-Direttiva jingħad li saret biex tinħoloq sistema ġenerali ta' rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni għolja mogħtija wara edukazzjoni u taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin.

Kif jingħad f'wieħed mill-paragrafi[139] fid-daħla ta' din id-Direttiva li jagħtu l-għanijiet li għalihom saret, jingħad li l-għan tagħha kien li tneħħi l-ostakli bejn l-Istati Membri biex professjonisti minn kull Stat Membru jkunu jistgħu jmorru jaħdmu f'kull Stat Membru ieħor.

L-Istati Membri kienu ordnati li jirrikonoxxu diplomi u kwalifiki miksuba fi Stati Membri oħra u fl-aħħar tad-Direttiva kien hemm ukoll lista' ta' organizzazzjonijiet f'kull Stat Membru li d-diplomi mogħtija minnhom kellhom bilfors jiġu rikonoxxuti.

Għaldaqstant, bi sħubija fl-Unjoni Ewropea l-Gvern Malti mhux biss irid jirrikonoxxi l-kwalifiki ta' kull barrani li jiġi minn kull Stat Membru ieħor biex jieħu xogħol il-ħaddiema u professjonisti Maltin u Għawdxin, imm l-ħaddiema kollha Maltiin u Għawdxin inklużi l-professjonisti fl-oqsma kollha se jkollhom ħobżhom mhedded bi sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li l-poplu Malti u Għawdxi jkun jaf ukoll li l-Gvern Nazzjonalista biex jobdi l-ordnijiet minn Brussell diġa' għamel il-liġi biex jirrikonoxxi l-kwalifiki tal-barranin skond kif hemm f'din id-Direttiva u Direttivi u Regolamenti oħra.

---

[138] Council Directive 89/48/EEC OJL 019 24.01.1989 p0016-0023

[139] "Whereas, pursuant to Article 3 (c) of the treaty the abolition, as between Member States, of obstacles to freedom of movement of persons and services constitutes one of the objectives of the Community; whereas, for nationals of the Member States, this means in particular the possibility of pursuing a profession, whether in a self-employed or employed capacity, in a Member State other than that in which they acquired their professional qualifications.."

Dan sar bl-Att numru XVIII tas-sena 2002, li kien ippubblikat fis-Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Numru 17,290 ta' l-20 ta' Settembru 2002, u jgħid speċifikament li huwa **"Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki".**

## Is-Sena 1989

Is-sena 1989 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, għaddiet għand Spanja.

## Il-Każ Cowan

Il-każ Cowan[140] kien dwar ċittadin Ingliż li kien għal btala fi Franza. Huwa kien ġie attakkat fil-ferrovija taħt l-art ġewwa Pariġi, fi Franza, u kien talab kumpens għad-danni li kien sofra.

Il-liġi Franċiża kienet tipprovdi għal kumpens għal ċittadini Franċiżi li kienu jsofru xi danni, imma ma kinitx tagħti l-istess dritt lill-barranin. Għaldaqstant, Cowan kien fetaħ kawża li kienet riferuta lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari.

Il-Qorti qalet li l-liġi Franciża kienet tiddiskrimina fuq sisien ta' nazzjonalita' kontra cittadini ta' Stati Membri oħra u għaldaqstant kienet kontra l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet tagħti dritt liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra l-istess drittijiet għal kumpens daqs dawk li kienu jgawdu ċittadini Franċiżi.

Waqt li huwa ġust u tajjeb li kull min isofri danni jitħallas il-kumpens dovut irrispettivament miċ-ċittadinanza tiegħu, dan il-każ juri li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Ewropea tindaħal anki fil-liġi, anzi f'kull liġi ta' l-Istati Membri.

## Żviluppi oħra

Fit-13 ta' Marzu kien jaħbat l-10 anniversarju tas-Sistema Monetarja Ewropea. Mix-xena internazzjonali, bejn il-5 u s-6 ta' April kienu ġew fit-tmiem it-taħdidiet dwar il-kummerċ li kienu saru fl-Urugwaj[141], fejn kienu ġew addottati aktar affarijet biex jiġu mitħaddta f'taħdidiet aktar 'il quddiem[142].

Fit-12 tax-xahar, il-Kumitat Delors ippreżenta rapport dwar l-għaqda ekonomika u monetarja, waqt li fl-istess jum, il-Parlament addotta Dikjarazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali u Ħelsien[143]. Dawn ma kienu xejn ħlief aktar passi lejn Stat Federali Ewropew.

[140] Judgment of the Court of 2 February 1989. Ian William Cowan v Trésor public. Reference for a preliminary ruling: Tribunal de grande instance de Paris - France. Tourists as recipients of services - Right to compensation following an assault. Case 186/87. European Court reports 1989 Page 00195
[141] Uruguay Round
[142] Adoption of further negotiation frameworks
[143] Delaration of Fundamental Rights and Freedoms

## Direttiva tal-Kunsill 89/298/EEC

Id-Direttiva 89/298/EEC[144] kienet ħarġet fis-17 ta' April biex tikkordina l-ħtiġijiet dwar kif isir l-iskrutinju u d-distribuzzjoni tal-prospetti li jridu jiġu ppubblikati meta sigurtajiet trasferibbli bħal ma huma isħma u bonds ikunu offruti lill-pubbliku.

Dawn huma Direttivi tekniċi ħafna u mhux li wieħed joqgħod jidħol fihom fi ktieb ta' nteress ġenerali. Madankollu, dawk li jinteressahom jagħmlu tajjeb li jarawhom. Huwa għalhekk li jiena nagħti l-post fejn huma ppubblikati, ħalli min ikollu interess ikun jista' jsibhom.

## Aktar Elezzjonijiet

Elezzjonijiet ġenerali kienu saru fl-Irlanda fil-15 ta' Ġunju, waqt li bejn il-15 u t-18 tax-xahar kienu saru t-tielet elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li għalihom kienu vvutaw iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Fit-18 ta' Ġunju kienu nżammu wkoll elezzjonijiet ġenerali fil-Greċja u fil-Lussemburgu, waqt li fid-29 ta' Ottubru kienu saru l-elezzjonijiet leġislattivi fi Spanja.

## Il-Munita Spanjola tidħol fil-Mekkaniżmu tal-Kambju

Fid-19 ta' Ġunju, il-peseta Spanjola li kienet il-munita Spanjola daħlet fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea. Il-kompożizzjoni tal-munita ta' akkont Ewropea[145] kienet ġiet aġġustata minħabba d-dħul tal-Peseta Spanjola u l-Eskudo Portugiż.

## Kunsill Ewropew ġewwa Madrid

Bejn is-26 u s-27 ta' Ġunju kien sar Kunsill Ewropew ġewwa Madrid, fi Spanja. Il-Kunsill kien addotta l-konklużjonijiet fuq l-għaqda ekonomika u monetarja[146], enfasizza l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ bejn l-aspetti soċjali u ekonomiċi ta' suq wieħed u kkonferma li l-ambjent kien kwistjoni ta' prijorita'.

Taħt il-proċeduri ta' kooperazzjoni politika, il-Kunsill addotta żewġ dikjarazzjonijiet ewlenin fuq is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsanu u fiċ-Ċina.

Hawnhekk infakkar kif aktar qabel ġbidt l-attenzjoni dwar li minkejja li ssir kritika liċ-Ċina dwar dak li jissejjaħ tkażbir tad-drittijiet tal-bniedem, kif qed naraw tajjeb minn dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, xorta waħda kienet għamlet ftehim kummerċjali maċ-Ċina.

L-istess jista' jingħad dwar il-Lvant Nofsani, fejn minkejja li l-Israel għaddej b'dik l-istraġi kollha kontra l-poplu Palestinjan, l-Unjoni Ewropea xorta waħda għadha

[144] Council Directive 89/298/EEC 17.04.1989 OJL 124 05.05.1989 p0008-0015 (coordinating the requirements for the drawing-up, scrutiny and distribution of the prospectus to be published when transferable securities are offered to the public)
[145] European Currency Unit ECU
[146] Economic and monetary union

għaddejja bil-ftehim ekonomiku u kummerċjali miegħu, għax fejn jidħlu interessi kummerċjali u finanzjarji, addio d-drittijiet tal-bniedem u t-tkażbir tagħhom. Mill-1 ta’ Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand Franza.

**Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent**

Mill-1 ta’ Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand Franza. Bejn l-14 u s-16 tax-xahar kienet inżammet Laqgħa Għolja Ekonomika tal-Punent oħra, din id-darba ġewwa Pariġi, fi Franza.

Din il-Laqgħa talbet lill-Kummissjoni biex tikoordina l-miżuri meħtieġa biex tgħin fl-istrutturar mill-ġdid tal-Polonja u l-Ungerija. Fis-17 tax-xahar, l-Awstrija applikat formalment biex tissieħeb.

**Ftehim ieħor ta’ Kooperazzjoni**

Ftehim ieħor ta’ kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-Komunita’ u l-Polonja kien ġie ffirmat ġewwa Varsavja[147], fil-Polonja, fid-19 ta’ Settembru. Ftehim ieħor fis-sensiela ta’ ftehim li l-Komunita’, issa l-Unjoni Ewropea, dejjem iffirmaw ma’ Stati u organizzazzjonijiet ta’ Stati oħra għaliex hekk ikun jaqblilhom.

**Kompetizzjoni ma’ l-Amerika**

Kif rajna aktar qabel, l-influwenza Amerikana fil-pajjiżi Ewropej kienet qed iddejjaq kemm lill-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-Komunita’ Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, fit-2 ta’ Ottubru kienet saret Konferenza awdjoviżwali ġewwa Pariġi, fi Franza. Il-Konferenza għalqet b’dikjarazzjoni flimkien bejn 26 pajjiż Ewropew u l-Kummissjoni, fuq it-twaqqif ta’ program[148] biex ikabbar il-produttivita’ u l-kompetittivita’ tas-settur awdjoviżwali Ewropew permezz ta’ kooperazzjoni eqreb.

Dan il-programm kien sar għaliex kien qiegħed jinħass li s-settur awdjoviżwali Amerikan, l-aktar is-settur tal-films, kemm dak taċ-ċinema kif ukoll tat-televiżjoni, kien qiegħed iħalli effett ħażin fuq il-kultura Ewropea speċjalment fuq iż-żgħażagħ Ewropej, minħabba li kienet qegħda tingħatalu aktar importanza milli kienet qed tingħata lis-settur awdjoviżwali Ewropew.

Wieħed jista’ jara din l-influwenza anki hawn Malta bir-ruxxmata films Amerikani, speċjalment dawk fuq il-gwerer u l-vjolenza, li naraw fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni lokali u anki fis-swali taċ-ċinema, meta films serji jistgħu faċilment jinġiebu mill-pajjiżi Ewropej u pajjiżi oħra mill-kumplament tad-dinja.

Għaldaqstant, biex titnaqqas l-influwenza u l-kultura Amerikana fil-pajjiżi Ewropej, kienet inħasset il-ħtieġa li s-settur awdjoviżwali Ewropew jingħata aktar importanza biex imexxi ‘il quddiem il-kultura Ewropea minflok dik Amerikana, u għal dan il-għan kien sar il-programm imsemmi.

[147] Warsaw
[148] Audiovisual Eureka

## Il-Waqa' tal-Ħajt ta' Berlin

Ġrajja mill-aktar importanti li ġrat din is-sena kienet il-waqa' tal-ħajt ta' Berlin. Dan il-ħajt kien inbena mill-Unjoni Sovjetika biex ma tħallix lill-Ġermaniżi li kienu joqgħodu ġewwa Berlin li jaqsmu min-naħa kkontrollata minnha għan-naħa kkontrollata mill-Allejati tal-Punent.

Meta l-Allejati kienu daħlu Berlin fi tmiem it-tieni gwerra dinjija, l-Allejati tal-Punent jiġifieri l-Amerika, ir-Renju Unit u Franza kienu daħlu f'naħa u l-Unjoni Sovjetika min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, Berlin spiċċat maqsuma f'żewġ partijiet.

Dik ikkontrollata mill-Unjoni Sovjetika u dik ikkontrollata mill-Allejati tal-Punent. Kif, wara kollox, kienet inqasmet il-Ġermanja kollha fi tnejn. Il-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Demokratika Ġermaniża.

Dan il-ħajt kien inbena bħala riżultat tal-gwerra bierda li kien hemm bejn l-Unjoni Sovjetika u l-Allejati tal-Punent liema gwerra bierda wieħed jista' jgħid li kienet imsejsa fuq ideoloġiji politiċi differenti.

Kienu x'kienu dawn id-differenzi, il-poplu Ġermaniż ġie maqsum, qraba ġew mifruda u ma setgħux imorru min-naħa għall-oħra. Il-familji Ġermaniżi kienu damu snin twal mifruda sakemm il-ħajt ta' Berlin kien beda jitwaqqa fid-9 ta' Novembru ta' din is-sena.

Mal-waqa' tal-ħajt ta' Berlin, il-Ġermanja tal-Lvant, jiġifieri r-Repubblika Demokratika Ġermaniża, fetħet il-fruntieri tagħha u l-familji Ġermaniżi setgħu jerġgħu jingħaqdu flimkien mill-ġdid. Madankollu, l-għaqda taż-żewġ Ġermanji għandha implikazzjonijiet oħra serji li narawhom aktar 'il quddiem.

## Kunsill Ewropew ġewwa Strasbourg

Bejn id-8 u d-9 ta' Diċembru, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Strasbourg, fi Franza. Dan il-Kunsilll iddeċieda li jsejjaħ Konferenza Intergovernmentali qabel is-sena 1990 biex tfassal emendi għall-aħħar stadji ta' l-għaqda ekonomika u monetarja.

Il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern tal-11-il Stat Membru addottaw il-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali Soċjali tal-Ħaddiema.

## Konvenzjoni oħra u aktar Ftehim

Fil-15 ta' Diċembru, il-Konvenzjoni l-ġdida bejn l-Istati AKP u l-Komunita' Ekonomika Ewropea kienet ġiet iffirmata mit-12 il-Stat Membru tal-Komunita' u 69 Stat mill-Afrika, il-Karibbew u l-Paċifiku, ġewwa Lome', fit-Togo.

## Ftehim bejn il-Komunita  l-Unjoni Sovjetika

Fit-18 tax-xahar, kien ġie ffirmat ftehim ieħor fuq il-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-Komunita' u l-Unjoni Sovjetika, liema ftehim kien iffirmat ġewwa Brussell, fil-Belġju.

L-iffirmar tal-Konvenzjoni u tal-ftehim ikomplu juru li kontra dak li jgħidu l-kelliema Nazzjonalisti, fejn jidħol il-kummerċ kulħadd jagħmel kif jaqbillu, irrispettivament milli l-ideoloġiji politiċi jkunu kontra xulxin.

Jekk wieħed jieħu l-ideoloġija politika, l-ideoloġiji tal-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, u ta' l-Unjoni Sovjetika huma t-tnejn kontra xulxin, waħda kommunista u l-oħra kapitalista.

Dan mhux biss ikompli juri li m'hemmx ħtieġa li biex tagħmel xi ftehim li jkun jaqbel għaż-żewġ naħat trid tkun bilfors membru ta' l-Unjoni Ewropea, imma juri wkoll li anki jekk ikollok ideoloġija totalment differenti u opposta għall-parti l-oħra, ma jfissirx li ma tistax tilħaq ftehim fuq affarijiet li jkunu se jiswew tajjeb għat-tnejn.